L-GĦID TA' L-ASSUNTA

ĦARGA TA' DARBA FIS-SENA — Nru. 8. Maħruġa minn Mons. C. Scicluna 15 T'AWISSU 1973.

L-ARKIVJU TAL-KNISJA KATIDRALI T' GĦAWDEX

Minn
DR. GODFREY WETTINGER
B.A. (Hons.) (Lond.), M.A. (Lond.), Ph.D. (Lond.), Dip. Ed. (Lond.)

Minn xi żmien 'l hawn inbeda x-xogħol ta' katalogazzjoni u rijordinazzjoni tal-Arkivju tal-Kattidral ta' Għawdex biex meta jasal il-waqt li din il-ġemgħa siewja ta' reġistri tittieħed fl-arkivju l-ġdid kollox ikun lest u l-kotba jitqegħdu dritt f'posthom fuq l-ixkafef il-ġodda, u l-istudjużi jkunu jistgħu jagħmlu r-riferenzi tagħhom għad-dokumenti mingħajr biża' li għada pitgħada tinħass il-ħtieġa ta' sistema ġdid.

Dan l-Arkivju tal-Kattidral fih mal-500 manuskritt jew filza (bundle, file) ta' dokumenti ta' kull għamla u daqs, li jmorru 'l ura, x'uħud minnhom, sas-sena 1622. Il-biċċa l-kbira minnhom huma f'sura tajba ħafna. Oħrajn jinħtieġu kura kontra s-susa tal-kotba. Ħafna jinħtieġu l-legatura u xi ftit tiswija wkoll. Imda bi ftit ħsieb u nefqa relativament żgħira dawn id-dokumenti kollha għandhom mijiet ta' snin ta' ħajja oħra, minjiera ta' tagħrif għall-istudjużi tal-ħajja reliġjuża u soċjali ta' dawn il-gżejjer.

L-Arkivju tal-Kattidral ta' Għawdex fih materjal li għandu x'jaqsam mal-knisja bħala matriċi u kolleġġjata, mal-kanonċi u mal-altari tal-knisja, kif ukoll mal-istituzzjonijiet li twaqqfu fiha. Għalhekk wieħed irid jifhem sewwa li dan l-arkivju m'għandux x'jaqsam mad-djoċesi t'Għawdex direttament u wieħed m'għandux jistenna li jsib fih l-korrispondenza tal-Isqof jew ir-reġistri tal-Kurja tiegħu. L-anqas m'għandu x'jaqsam dan l-arkivju max-xogħol ewlieni tal-Arċipriet. Għalhekk ma jinstabux fih ir-reġistri tal-magħmudija, taż-żwieġ, ta' Status Animarum, jew tal-imwiet — għalkemm funerali ssib kemm trid, għax dawn kienu funzjonijiet li kellha x'taqsam magħhom il-Kolleġġjata mhux l-Arċipriet waħdu. Kemm id-Djoċesi, jiġifieri l-Isqof, u kemm l-Arċipriet, għandhom l-Arkivji tagħhom għalihom x'imkien ieħor.

S'issa saret lista sħiħa u twila ta' kull ma jinsab f'dan l-arkivju kważi kif ġew għal idejna r-reġistri. Jonqos issa li din il-lista titgħarbel sewwa biex jintsabu f'liema ordni jaqgħu r-reġistri u kif għandu jitqassam kollox f'taqsimiet mibnija fuq tagħrif bir-reqqa ta' kif kienu jitmexxew l-affarijiet. Jiġifieri, kemm jista' jkun, il-prinċipju li fuqu għandu jitqassam l-arkivju huwa dak ta' respect des fonds. Arkivju m'għandux jitqassam normalment fuq il-prinċipju ta' dak li jinteressa lilna jew lin-nies ta' żmienna, għax dan l-interess dejjem jitbiddel maż-żmien.

Għalhekk fuq il-prinċipju ta' respect des fonds, ir-reġistri ta' istituzzjonijiet awtonomi jew kważi awtonomi bħall-Konfraternita' tar-Rużarju, il-Fratellanza tas-Sagrament, u l-Kongregazzjoni tal-Qassisin għandu jkollhom kull waħda minnhom taqsima għalihom. Tar-Rużarju fiha mal-24 reġistru (magħduda magħhom dawk tal-Altar tar-Rużarju), kważi kollha tas-sekli sbatax u tmintax. l-eqdem huwa tas-sena 1646 u fih lista tal-membri kollha nisa u rġiel tal-Fratellanza ta' dik is-sena. Tas-Sagrament fiha l-istess għadd ta' reġistri, kważi kollha tas-sekli tmintax u dsatax. Tal-Qassisin għandha x'taqsam mal-qassisin t'Għawdex kollu, mhux dawk tal-Matriċi u Kolleġġjata biss. Fiha mat-18-il reġistru, bl-eqdem notament tas-sena 1696 u l-aħħar notament għall-ħabta tal-1927. Minn barra firem ta' qassisin għall-quddies, ir-reġistri ta' dawn it-tliet istituzzjonijiet — għall-istudjuż li jgħarbilhom sewwa — għandu jinstab fihom ħafna tagħrif fuq il-ħajja u n-nies tal-imgħoddi ta' diversi klassijiet. Warajhom wieħed irid iżid ukoll il-Fratellanza tal-Agonija (3 reġistri biss).

Il-Mużew tal-Katidral fejn fi żmien qasir ser jitpoġġa l-Arkivju — li parti minnu ser ikun aċċessibbli għall-pubbliku.

Tant hemm reġistri tal-Matriċi nnifisha li wieħed ikollu jqassamhom f'għadd ta' serje ta' reġistri. Hekk, ngħidu aħna, wieħed jista' jagħmel ferga għalliha għall-amministrazzjoni finanzjarja. Din jerġa' jkollha taqsimiet iżgħar:

Amministrazzjoni Finanzjarja:

- Beni Stabili e Capitali Bollali, xi 19-il reġistru
- Kontijiet, xi 65-il reġistru
- Libri Esiġenzjali, 8 reġistri
- Quittanze, 3 reġistri
- Riċevuti, 5 reġistri
- Spejjes żgħar (11-il reġistru), Spejjes kbar (9 reġistru), Spejjes kbar u żgħar (2 reġistri)
- Reġistri oħrajn (Salarji, reġistru wieħed; Depositi, 2 reġistri)

Kif wieħed jistenna dawn ir-reġistri jkomplu ma' dawk li jsemmu l-Kapitlu tal-Kolleġġjata u għalhekk x'aktarx studju ftit iżjed bir-reqqa għad juri li huma parti minn ħaġa waħda u għandhom jitqegħdu fl-imkien. Diġa' jidher ċar li hawn għandna rekordju kważi komplet tal-amministrazzjoni ma' tul iż-żmien kollu tal-Kolleġġjata, mill-1622 sa kważi żmienna. Fihom listi tal-artijiet li saru proprjeta' tal-Kolleġġjata, bil-ħlas tal-qbiela li minnhom wieħed jista' jara bla tbatija kif u kemm għoliet il-qbiela maż-żmien — fattur mill-iżjed importanti għal min irid jifhem x'inhu għaddej minnu l-poplu. Wieħed jista' jara min kienu l-benefatturi, ta' liema klassi u żmien kienu, kinux iżjed nisa minn irġiel, u forsi dettalji oħra li jgħinuna biex nifhmu x'kienu l-fatturi kollha li ġegħluhom jagħmlu hekk. Ir-Reġistri tal-infiq għandhom jagħtuna ħafna dawl fuq il-prezzijiet reali biex wieħed iqabbilhom mal-mieta tal-gvern ħalli wieħed jara kemm din kienu josservawha fil-prattika. Minnhom ukoll wieħed għandu jiġbor ħafna tagħrif fuq spejjes ta' festi, li jagħtuna ħjiel li aktarx mkien ieħor ma nsibu ta' kif kienu l-festi ta' dari, sekli qabel ma twaqqfu l-każini tal-banda.

Ftit għandi wisgħa hawn biex nidħol fid-dettalji fuq il-ħafna xorta oħra ta' reġistri f'dan l-Arkivju. Biżżejjed insemmi biss li hemm taqsima kbira ta' reġistri tal-Quddies, taqsima oħra tal-Legati, oħra tal-Funerali, u oħra tal-Kapitlu. Din ta' l-aħħar fiha reġistri tal-Atti Kapitolari mis-sena 1864 sas-sena 1937, minbarra reġistri oħrajn.

M'għandix ninsa nsemmi l-volumi ta' dokumenti miġbura żmien ilu biex juru l-istorja ta' din il-knisja, u r-reġistri kbar u boxnin bid-dokumenti u karti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kwistjonijiet ta' privileġġi u glied ma' parroċċi oħra.

Dawn ta' l-aħħar tista' tgħid kollha huma ta' l-aħħar mitt sena jew ftit iżjed u mhux qabel.

M'hemmx dubju li kull min 'il quddiem ikun irid jifhem sewwa l-ħajja Għawdxija (u dik Maltija wkoll għal ħafna minnhom) ikollu, irid jew ma iridx, jagħtiha għall-istudju ta' dawn ir-reġistri, li għandhom siwi mill-aqwa kemm għal min irid jifhem il-fenomenu ta' lejaltajiet parrokkjali u l-glied li ġieb miegħu kif ukoll għal min tinteressah il-ħajja Għawdxija ta' kuljum ta' nies għonja u fqar, mgħallma u le, ħaddiema tal-pinna u ta' l-id jew jekk għexu fis-seklu li għadda kif ukoll jekk għexu fi żmien iżjed imbiegħed. Min jistudjahom għandu jingħata ċ-ċans li jara r-reġistri xejn inqas mimlija bid-dokumenti ta' parroċċi oħra biex jista' ma' l-qanpiena l-oħra (jew aħjar wieħed jgħid, 'il-qniepen l-

(*Ikompli paġna 11*)

APPELL GĦAL JIEM IL-FESTA

Inħeġġu lill-parruċċani kollha biex fil-jiem tal-festa:

- jagħmlu kuntatt ma' Kristu permezz tas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin;
- jieħdu sehem ħaj, mifhum, sħiħ u kommunitarju fil-funzjonijiet kollha liturġiċi li jinżammu;
- iżuru lill-morda u lill-foqra tal-parroċċa u joffrulhom xi rigal ċkejken biex itaffulhom xi ftit iċ-ċaħda iebsa li ma jistgħux jieħdu sehem fil-festa;
- jiftakru fit-talb tagħhom fl-erwieħ tal-membri kollha tal-Kommunità parrokkjali li mietu matul is-sena;
- iħabirku ħalli f'dan iż-żmien aktar mis-soltu, igħixu fl-imħabba ta' xulxin;
- iġibu ruħhom kull fejn ikunu u ma' kull min ikunu, ta' nsara maturi u responsabbli.
- iħaddnu t-talenti tagħhom kollha possibbli biex il-festa tkun tabilħaqq Wirja Marjana li tagħmel reklam tajjeb lir-Reliġjon ta' Kristu;
- iżommu quddiem għajnejhom li l-festa tikber mhux skond kemm jintefqu flus fil-bluhat f'dawn il-ġranet, imma skond kemm matul is-sena jingħataw kontribuzzjonijiet biex tinbena fuq pedamenti sodi l-qdusija tal-Kommunità parrokkjali.

Jalla dan l-appell jaqa' fuq ħamrija tajba ħalli jagħti l-frott mixtieq.

Nixtiequ l-festa t-tajba lil kulħadd.

Mons. Carmelo Scicluna
Vigarju Kurat

Lejn Dawl Storiku fl-Imgħoddi tal-Katidral ta' Għawdex (artiklu ta' Alexander Bonnici) ara paġni 6-7-8

www.gozocathedral.org.mt

Kronaka tal-Parrocca

1 TA' AWISSU 1972 ---- 31 TA' LULJU 1973

MAGHMUDIJIET:

Saret il-maghmudija ta':

1) Marija bint Ġorġ Grech u Ġorġina nee' Micallef fit-2-8-72.
2) Lilian bint Carmelo Debrincat u Carmela nee' Mercieca fit-3-8-72.
3) Mario bin Nikola Attard u Victoria nee' Debrincat fit-12-8-72.
4) Anthony bin Anton Scicluna u Jane nee' Debono fil-11-9-72.
5) Maria bint Lino Hili u Pawlina nee' Grech fl-24-9-72.
6) Rosanne bint Joseph Micallef u Ersilja nee' Gatt fl-1-10-72.
7) Maria Rose bint Anton Camilleri u Ester nee' Vella fit-8-10-72.
8) Ġorġ iben Ġanni Spiteri u Adriana nee' Cini fit-8-10-72.
9) Anthony iben Ġorġ Grech u Vivienne nee' Grech fit-8-10-72.
10) Antonello Mario iben Joseph Grech u Camilla nee' Grech tfl-10-10-72.
11) Mark Anthony iben Victor Buttigieg u Cettina nee' Attard, fil-15-10-72.
12) Simon iben Joseph Grech u Maria nee' Tabone fis-19-11-72.
13) Paul Arthur iben Michael Portelli u Maria nee' Scicluna fis-19-11-72.
14) Mary Anne bint Joseph Bezzina u Geltrude nee' Bezzina fid-29-11-72.
15) Joseph Jason iben Joe Masini u Pacifica nee' Portelli fl-1-12-72.
16) Stephanie bint Joseph Grech u Carmen nee' Farrugia fl-1-1-73.
17) David Noel bint Joe Hili u Gina nee' Galea fl-14-1-73.
18) Vincent iben Victor Camilleri u Rose nee' Xuereb fl-24-1-73.
19) Patrick iben Lortnzo Camilleri u Anna nee' Camilleri, fit-28-1-73.
20) Simon iben Anton Vella u Vittorina nee' Micallef fl-4-2-73.
21) Pauline Joyce bint George Cordina u Cettina nee' Sultana fl-10-3-73.
22) Marion iben Carmelo Grech u Carmen nee' Buttigieg fit-18-3-73.
23) Mario iben Gregorio Spiteri u M'Assunta nee' Attard fit-28-3-73.
24) Joanne bint Manwel Xerri u Antoinette nee' Gatt fl-1-4-73.
25) Carmelo iben Vincenzo Saliba u Guza nee' Buttigieg fil-21-4-73.
26) Laner Joseph iben Joseph Cassar u Violet nee' Galea fid-29-4-73.
27) Christopher iben Edwin Borg u Nancy nee' Refalo fid-29-4-73.
28) Martin iben Anton Grech u Guza nee' Ellis fit-12-5-73.
29) Jason Joseph iben Jiseph Attard u Dolores nee' Dimech fit-13-5-73.
30) Sharon Mary bint Michael Sultana u Mary nee' Bezzina fis-19-5-73.
31) Evangelistu iben Pawlu Sultana u Saverina nee Cini fit-13-5-73.
32) Jason Joseph iben Bertu Farrugia u Giacinta nee' Muscat fil-31-5-73.
33) Irene bint Carmelo Xerri u Maria nee' Vella fit-3-6-73.
34) Joseph u Miriam ulied Ġorġ Farrugia u M'Anne nee' Zammit fis-16-6-73.
35) Sonia bint Tarċisju Mercieca u Dolores nee' Zammit fl-24-6-73.
36) Marvic iben Francis Cassar u Nina nee' Zammit fit-12-7-73.
37) Brian iben Vigo Azzopardi u Maria Assunta nee' Camilleri fis-17-6-73.
38) Robert iben Amante Mercieca u Maria nee' Buttigieg fl-4-7-73.
39) Tanja bint Joe Camilleri u Cettina nee' Micallef fid-29-6-73.
40) Naomi bint Francis Attard u Victoria nee' Vella Muscat fit-28-6-73.
41) Joyce bint Maurice Borg u Amata nee' Farrugia fit-28-6-73.

ŻWIĠIJIET:

13-8-72 Tieġ ta' John Spiteri u Christine Calleja.
19-8-72 Tieġ ta' Joe Cordina u Antonia Bugeja.
9-9-72 Tieġ ta' Peter Paul Sammut u Maria Fenech.
17-9-72 Tieġ ta' Alfred Sammut u Agnes Portelli.
7-10-72 Tieġ ta' Salvu Vella u Sylvia Grech.
22-10-72 Tieġ ta' Frankie Vella u Rose Dimech.
25-1-73 Tieġ ta' Ġorġ Bezzina u Maria Grech.
19-3-73 Tieġ ta' Denis Daly u Maria Debrincat.
29-4-73 Tieġ ta' Paul Camilleri u Carmen Cassar.
2-6-73 Tieġ ta' Martin Lane u Grace Xerri.
17-6-73 Tieġ ta' Carmelo Xuereb u Maria Mercieca.
28-7-73 Tieġ ta' Anton Zerafa u Evangelista Grech.

IMWIET:

Awissu 1972 Pawla Micallef, Dun Ġorġ Portelli, Marinton Tewma, Wigi Attard, Biċe Ruggier u Annetta Pace.
Settembru 1972 Esther Bondi.
Ottubru 1972 Carmena Portelli.
Novembru 1972 Francesco Farrugia, Charlie Debrincat.
Diċembru 1972 Injazju Saliba, Carmela Zammit u l-Perit Carmelo Attard.
Frar 1973 Guippe Schembri u Grazia Sultana.
Marzu 1973 Michele Galea, Giuzeppa Grech, Toni Zammit, Ġorġa Vella, Johnny Apap u George Caruana.
April 1973 M'Anna Zammit.
Mejju 1973 Carmela Pace.
Ġunju 1973 Loreta Debattista u Salvu Vella.
Lulju 1973 Maria Bezzina.

ĠRAJJIET IMPORTANTI MATUL IS-SENA

10-8-72 "Il-Ballata tal-'Convoy' ta' Santa Marija", kitba ta' Anton Farrugia, produzzjoni ta' Michael Grech, ġiet imtella' fil-Pjazza tal-Katidral bl-organizzazzjoni u bhala parti mill-festi tal-Parroċċa tal-Parroċċa tal-Katidral. Madwar 3,000 ruh, ċertament wahda mill-ikbar udjenzi li qatt segwiet haġa simili f'Ghawdex, segwew bl-akbar attenzjoni dil-ġrajja kbira moqrija, reċitata u kantata imżewqa b'effetti ta' dwal, hsejjes, kant, miming u koreografija. Kull min ha sehem kien membru tal-Parroċċa. Kienet suċċess mija fil-mija.

15-8-72 Jum Santa Marija. L-Aġent Prim Ministru ta' Malta, l-Avukat Anton Buttigieg, ghamel żjara fil-Katidral u wara attenda riċeviment moghti f'ġiehu mill-Kapitlu. Wara nofs inhar hu qaghad jara l-purċissjoni ta' Santa Marija fil-Pjazza tal-Katidral. Izzanznu fost l-ohrajn tabernaklu mill-isbah tal-fidda u terha ghall-artal mejda impittra mill-pittriċi Mrs. Saliba.

16-8-72 Thabbar li dis-sena nġabret is-somma ta' £M637.52,0 ghall-festa ta' l-Assunta.

20-8-72 Il-Bullettin tal-Katidral kien l-ewwel pubblikazzjoni li habbar uffiċjalment id-data tal-Ingress ta' l-Isqof Cauchi.

3-9-72 Jibdew il-festi ta' l-Ingress ta' l-Isqof t'Ghawdex, Mons. Nikol Cauchi fil-Katidral. Fil-ghodu qara l-Bolla tan-Nominazzjoni lill-Kapitlu tal-Katidral. Fil-ghaxija l-istess Bolla inqrat pubblikament ghall-ewwel darba fil-Katidral.

9-9-72 Quddiesa fl-okkazjoni tal-Jum Nazzjonali ta' Malta.

9/10-9-72 Ikomplu fil-Katidral il-festi ta' l-Ingress tas-7 Isqof t'Ghawdex. Fil-ghaxija saret fil-Katidral iċ-ċerimonja ta' l-Insedjament ta' l-Arċidjaknu Mons. Pawlu Cauchi. Il-Hadd fil-ghaxija sar l-Ingress Solenni fil-Katidral. Eluf ta' nies minn kull rokna ta' Malta u Ghawdex henqu l-Katidral u l-Pjazza ta' quddiemu ghaċ-ċerimonja sempliċi izda mpressjonanti. Bosta persuni distinti kienu preżenti ghall-Konċelebrazzjoni Pontifikali li matulha Mons. Isqof iddeskriva l-programm futur tieghu ghad-Djoċesi taghna. Mexxa l-kant kollu l-Kor 'Marija Assunta'.

12-9-72 Iż-żghażagh tal-Parroċċa imsiehba fl-A.Y.M. offrew 10 galluni inbid lill-Isqof il-Ġdid wa*t rally ghaż-żghażagh in konnessjoni mal-Ingress.

1-10-72 Harġet il-Purċissjoni tar-Rużarju.

11-10-72 Konċelebrazzjoni Pontifikali u ċerimonji ohra fakkru l-256 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Katidral.

21-10-72 Iċċelebrata l-festa ta' Sant' Ursula fil-Katidral, li hi flimkien ma' San Ġorġ kompatruna t'Ghawdex.

5-11-72 Iż-żewġ korijiet tal-Katidral, "Marija Assunta" u "Pueri Cantores" hadu sehem fi programm Mużikali-Korali li l-Banda "Leone" ghamlet it-Tokk fl-okkażjoni tat-22 anniversarju mid-Domma ta' l-Assunta.

3-12-72 Bdew il-priedki ta' l-Avvent mill-kwareżimalist il-Kapp. Dun Ġwann Cini.

3-12-72 Il-Kapitlu u l-parroċċa tal-Katidral jaghti £M50 ghar-rifuġjati Asjatiċi f'Malta.

16/24-12-72 Inżammet ghat-tielet sena Novena Biblika bhala thejjija ghall-festa tal-Milied. Fethet b'quddiesa ċċelebrata minn Nunzju tal-Vatikan ghal Malta Mons. Eduardo Pecoralo. Kien hemm ukoll "Feature" u "Pageant" Bibliku.

23-12-72 Il-Kor 'Marija Assunta', l-ixjeh kor t'Ghawdex, kien l-ewwel kor Ghawdxi li kanta ghanjiet tal-Milied minn fuq l-M.T.V.

1-1-73 Thabbar li matul is-sena fil-Katidral saru madwar 3,555 quddiesa u tqarbnu b'kollox iktar minn 94,000.

2-1-73 Ghat-3 sena konsekuttiva hareġ il-Kalendarju tal-Katidral b'kopertina tal-kulur tassew sabiha.

7-1-73 Saret il-funzjoni solenni tal-Investitura ta' Mro. Joseph Sammut, is-Surmast tal-Banda 'Leone' ghal dawn l-ahhar 14-il sena, bhala kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Kavallieri ta' Malta.

9-2-73 Tiesta l-bini fil-Mużew tal-Katidral mill-bennej Karlu Vella.

11-2-73 L-A.Y.M. ghamlu "Marathon Walk" sponsorjata favur il-Kolleġġ ta' Fr. Anton Camilleri S.D.B. li qiegħed fl-Italja. Is-somma ta' [illegible] miġbura ġiet ippreżentata lil Br. Ġorġ Mercieca S.D.B.

24-3-72 Joe Bezzina, seminarista minn dil-parroċċa, kien l-ewwel Ghawdxi li rċieva l-Ministeru tal-Lettorat. Dal-Ministeru nghata mill-Isqof t'Ghawdex wara tibdil fl-Ordni Sagri f'Settembru li ghadda.

31-3-73 Mons. Carmelo Scicluna Viċarju - Kurat tal-Katidral mexxa konċelebrazzjoni ma' rappreżentanza ta' qassisin minn kull rahal u kunvent t'Ghawdex, fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-mewt ta' l-Isqof Pace.

1/7-4-73 Eżerċizzi fil-Katidral. Ghall-ewwel darba f'kors mill hawn Ghawdex nhar il-Hamis saret diskussjoni fuq id-direttivi tal-Isqfijiet ghall-miżżewġin. Immexxija minn panel li fih kien hemm ukoll il-Lajċi.

8-4-73 Harġet ghas-6 sena l-purċissjoni tal-Passjoni mill-Katidral. Fost l-ohrajn inżanżnu 6 kostumi ġodda ta' suldati Lhud, u 4 persuni ġodda tas-Sinedriju. Dis-sena l-purċissjoni kienet serja hafna u ghalhekk suċċess kbir.

19-4-73 'Il fuq minn 100 saċerdot ikkonċelebraw il-quddiesa ta' Hamis ix-Xirka ma' Mons. Isqof Nikol Cauchi.

20-4-73 Waqt il-bewsa tas-Salib tkantat b'eżattezza kbira mill-Kor 'Marija Assunta' il-"Coro della Processione — Gerusalem!" mill-opra ta' Giuseppe Verdi "I Lombardi". Is-silta tkantat bi 3 vuċijiet u kulhadd baqa' mpressjonat bil-finezza tal-kant.

27/3-4-73 Inżammet ghas-7 sena konsekuttiva Ġimgha Liturġika - Ewkaristika. Intemmet b'purċissjoni qasira sal-Pjazza tat-Tokk minhabba rih qawwi.

20-5-73 L-A.Y.M. fakkar l-ewwel anniversarju mit-twaqqif tieghu b'quddiesa 'Folk' fil-Katidral. Daqqew 11-il kitarrist u attendew madwar 200 membru.

10-6-73 Illum Ghid il-Hamsin, Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Ghawdex fetah fil-Katidral waqt Konċelebrazzjoni Pontifikali mal-Kapitlu u mad-Diretturi Spiritwali ta' l-ghaqdiet u quddiem poplu numeruż, is-Sena Imqaddsa. Dak inhar thabbru wkoll diversi thejjijiet li qed isiru ghal dis-sena.

13-6-73 Saret l-ewwel tqarbina tat-tfal tal-Parroċċa tal-Katidral.

15-6-73 Il-parroċċa organizzat konferenza ghal bosta koppji tal-parroċċa dwar id-direttivi ta' l-Isqfijiet fuq il-hajja miżżewġa. Mexxa Dun Charles Vella.

21-6-73 Saret fil-Katidral ghall-ewwel darba f'Ghawdex iċ-ċerimonja msejha "Id-Dhul fost il-Kandidati ghad-Djakonat u l-Presbiterat". Din ukoll hi ċerimonja ġdida mdahhla wara t-tibdil fl-Ordni Sagri f'Settembru li ghadda.

RENDIKONT-1 TA' AWISSU 1972 - 31 TA' LULJU 1973

DATA	PARTIKULARITAJIET	HRUG	DHUL
1/ 8/72	Bilanċ tax-xahar ta' Lulju		271.46.5
16/ 8/72	Ġbir minn xi triqat (Festa ta' S. Marija)		110.50.0
16/ 8/72	Bejgħ ta' domni, santi, gammatti, etċ.		51.20.0
16/ 8/72	Ġabra waqt il-ħruġ tal-istatwa		330.25.0
16/ 8/72	Ġabra waqt il-Ballata		33.00.0
16/ 8/72	Għal-pissidi tal-fidda		105.00.0
16/ 8/72	Priedki tat-Tridu	5.00.0	
16/ 8/72	2 vuċijiet f's Marija	30.00.0	
16/ 8/72	Mużika tat-Tridu	31.00.0	
16/ 8/72	Kontribuz. għall-festa ta' barra	100.00.0	
18/ 8/72	Spejjes ta' ward (f's. M)	5.00.0	
31/ 8/72	Mis-servizzi tal-Kor		16.00.0
31/ 8/72	Mill-kaxxa ta' S. Marija		132.07.0
14/ 9/72	Ikel għall-hampers	2.25.0	
16/ 9/72	Trasport tal-membri tal-Kor għall-Marsalforn	1.25.0	
17/ 9/72	Spejjes ta' stampar ta' ġurnal u blocks	45.00.0	
18/ 9/72	Stampar ta' kotba tal-Ballata u blocks	147.60.0	
18/ 9/72	Dhul mir-reklami		50.00.0
18/ 9/72	Dhul mill-bejgħ tal-kotba		31.50.0
29/ 9/72	Spejjes ta' xorb u ħelu	16.14.0	
30/ 9/72	Spejjes ta' dawl elettriku	40.00.0	
30/ 9/72	L-aħħar ħlas tal-pavaljuni tad-dawl	120.00.0	
30/ 9/72	Mill-kaxxa ta' S. Marija		43.16.0
30/ 9/72	Offerti lill-Madonna		3.00.0
9/10/72	Spejjes ta' blocks għall-Kalendarju	5.61.0	
31/10/72	Mis-servizzi tal-Kor matul Sett. u Ottubru		16.50.0
31/10/72	Offerti lill-Madonna		68.00.0
31/10/72	Mill-kaxxa tal-Madonna		27.08.0
6/11/72	Żewġ lezjonarji	4.00.0	
15/11/72	Għall-bullettin tal-Ħadd	33.00.0	
15/11/72	Photostats ta' xi disinji	1.00.0	
30/11/72	Valves għall-amplifier	8.00.0	
30/11/72	Offerti lill-Madonna		10.00.0
30/11/72	Mill-kaxxa ta' S. Marija		32.58.0
30/11/72	Mis-servizzi tal-kor		10.00.0
17/12/72	Ikla lill-membri tal-Kor fi żmien S. Marija	20.00.0	
25/12/72	Spejjeż tan-Nov. Biblika	21.35.0	
28/12/72	Offerta tat-TV għall-programm tal-Kor M. Assunta		8.00.0
28/12/72	Spejjeż konnessi mal-mawra tal-Kor f'Malta	17.25.0	
31/12/72	Offerti lill-Madonna		31.00.0
31/12/72	Mis-Servizzi tal-Kor		16.00.0
31/12/72	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija		39.00.0
13/ 1/73	Kontribuzzjoni lill-Għaqdiet Reliġjużi tal-parroċċa	12.00.0	
31/ 1/73	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija		31.60.0
31/ 1/73	Spejjes diversi	15.75.0	
31/ 1/73	Mis-servizzi tal-kor		10.00.0
31/ 1/73	Tiswija ta' microphone	5.26.0	
31/ 1/73	Offerti lill-Madonna		11.00.0
31/ 1/73	Strina lill-Madonna		91.00.0
3/ 2/73	Stampar tal-Kalendarju	150.00.0	
26/ 2/73	Ikla lill-membri tal-Kor	16.00.0	
31/ 2/73	Mis-servizzi tal-Kor		6.00.0
31/ 2/73	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija		25.00.0
31/ 2/73	Offerti lill-Madonna		8.00.0
31/ 2/73	Offerti lil S. Ġużepp		5.00.0
10/ 3/73	Diversi oġġetti minn barra	131.50.0	
15/ 3/73	Żewġ kotba tar-Rit il-ġdid tal-Magħmudija	5.00.0	
21/ 3/73	Bellus għall-bandalora	18.00.0	
31/ 3/73	Spejjes ta' xi ritratti tal-kulur	7.00.0	
31/ 3/73	Spejjes oħra diversi	20.00.0	
31/ 3/73	Mill-kaxxa tal-Madonna		33.00.0
31/ 3/73	Offerti lill-Madonna		55.00.0
31/ 3/73	Offerti lill-S. Ġużepp		11.00.0
31/ 3/73	Mis-Servizzi tal-Kor		14.00.0
2/ 4/73	Spejjes ta' Stampa	14.75.0	
8/ 4/73	Spejjes tal-Eżerċizzi	20.00.0	
14/ 4/73	Spejjes tal-Purċissjoni tal-Passjoni	23.00.0	
30/ 4/73	Spejjes diversi	8.00.0	
30/ 4/73	Mill-kaxxa tal-Madonna		54.36.0
30/ 4/73	Offerti lill-Madonna		3.30.0
6/ 5/73	Ikel lill-membri tal-Kor	13.20.0	
17/ 5/73	Aktar spejjes tal-Purċissjoni tal-Passjoni	98.00.0	
18/ 5/73	Spejjes ta' karti tal-Mużika	50.0	
31/ 5/73	Spejjes oħra diversi	10.00.0	
31/ 5/73	Offerti lill-Madonna		8.00.0
31/ 5/73	Offerti lill-S. Ġużepp		1.00.0
31/ 5/73	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija		38.00.0
31/ 5/73	Mis-servizzi tal-kor		4.50.0
3/ 6/73	Ġabra tal-Kwaranturi		25.00.0
4/ 6/73	Spejjes tal-Kwaranturi	30.00.0	
8/ 6/73	Kontribuzzjoni għal Ġara	3.00.0	
20/ 6/73	Spejjes ta' l-istampa	11.75.0	
30/ 6/73	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija		41.28.9
30/ 6/73	Offerti lill-Madonna		4.00.0
30/ 6/73	Għal pissidi		5.00.0
30/ 6/73	Mis-Servizzi tal-Kor		12.50.0
30/ 6/73	Spejjes diversi	9.00.0	
31/ 7/73	Spejjes diversi	15.00.0	
31/ 7/73	Offerti lill-Madonna		23.50.0
31/ 7/73	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Marija		36.16.0
31/ 7/73	Mis-Servizzi tal-Kor		6.50.0
31/ 7/73	Mill-kaxxa ta' quddiem S. Ġużepp		10.30.0
31/ 7/73	Bilanċ tas-sena	627.50.5	
		1913.66.5	1913.66.5

PROGRAMM TAL-FESTA TAL-PADRUNA SPEĊJALI TAL-GŻEJJER MALTIN SANTA MARIJA FIL-KATIDRAL T' GĦAWDEX

Mit - 30 ta' Lulju sal - 15 t' Awissu 1973

JIEM TA' THEJJIJA

Mit-30 ta' Lulju sas-7 ta' Awissu:

Fis-7.00 p.m. Rużarju, Kurunella u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

Fis-7.15 p.m. quddiesa bl-omelija u bil-kant. Jieħu sehem il-kor "Maria Assunta".

Mill-31 ta' Lulju sal-14 ta' Awissu:

Fis-7.00 a.m. quddiesa kantata bil-Malti u ċelebrata minn Monsinjur tal-Katidral u bil-preżenza tal-Kapitlu ta' l-istess Knisja.

JIEM TA' KULTURA MARJANA

5 ta' Awissu:

Fit-8.00 a.m. quddiesa bl-omelija u bil-kant. Jieħdu sehem il-'Pueri Cantores' tal-Katidral. Isir l-istess fid-9 u fl-10 ta' Awissu.

Fis-7.00 p.m. quddiesa għall-erwieħ ta' dawk il-membri tal-Kommunita' Parrokkjali li mietu matul is-sena.

Fis-7.30 p.m. Festival Marjan bil-korijiet tal-Katidral: "Maria Assunta" u "Pueri Cantores" taħt it-tmexxija tas-Sinjorina Maria Zammit L.R.S.M.

9 ta' Awissu:

Fit-8.00 p.m. Pageant Marjan: "MARIJA" li jkun imtella' fil-pjazza tal-Katidral mill-kumpanija teatrali magħrufa "Jien u l-oħrajn" taħt it-tmexxija ta' Joe Quatrimani. Jieħdu sehem madwar 60 ruħ fosthom atturi u attriċi magħrufa Maltin kif ukoll membri ta' l-Aurora Youth Movement.

10 ta' Awissu:

Fis-7.00 p.m. Quddiesa Folk għaż-żgħażagħ tal-parroċċa.

Fis-7.30 p.m. Għana folkloristiku Marjan u mime Marjana fil-pjazza tal-Knisja Katidrali fejn l-ambjent huwa tabilħaqq adattat għal din l-okkażjoni. Jieħdu sehem il-grupp tal-kitarristi ta' l-Aurora Youth Movement". Mużika oriġinali ta' Mro. Alfred Arnold.

N.B. Il-predikaturi ta' l-ewwel tnax-il jum se jkunu dawn:

a) Dun Anton Dimech, b) Il-Kan. Dun Karist Sultana, c) Dun Mikiel Borg, d) Kan. Dun M'Ang. Apap.

IT-TRIDU TAL-FESTA

Is-Sibt, 11 ta' Awissu:

Fis-7.00 p.m. Għasar kantat bil-Malti b'żewġ ilħna differenti ta' Patri Bert Borg.

Fis-7.30 p.m. quddiesa solenni ċelebrata mill-Mons. Teol. Giovanni B. Gauci S.Th.D., J.C.L. li fiha jinseġ l-omelija ta' l-okkażjoni. Jitkantaw u jindaqqu bil-Mużika Strofi ta' l-Innu fl-Introjtu, fil-versett ta' qabel il-Vanġelu, fl-offertorju, fit-tqarbin u fid-dħul tal-quddiesa. Din il-quddiesa tkun tgħodd għall-preċett tal-Ħadd. Wara Antifona u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

Il-Ħadd, 12 ta' Awissu:

Fit-8.00 a.m. quddiesa għall-kategoriji kollha tal-Kommunità Parrokkjali mill-Vigarju Kurat tal-Katidral, Mons. Carmelo Sciċluna u fiha jinqraw appelli qosra minn missier, omm, haddiem, emigrant, għarus, għarusa, żagħżugħ, xebba, tifel u tifla.

Fil-6.00 p.m. isiru l-istess funzjonijiet tas-Sibt fil-għaxija.

It-Tnejn, 13 ta' Awissu:

Fis-6.00 p.m. jibdew l-istess funzjonijiet liturġiċi tas-Sibt filgħaxija.

JIEM TA' FESTA

It-Tlieta, 14 ta' Awissu:

Fis-7.30 a.m. wara l-quddiesa kantata tal-Kwindiċina, 'Te Deum' bil-mużika. Fit-8.00 a.m. quddiesa mill-E.T. Isqof ta' Għawdex, Mons. Nikol Cauchi Ph.D., Lic.Sc.Soc., li warajha jqassam 'hampers' ta' l-ikel għall-familji numerużi tal-parroċċa.

Fil-5.30 p.m. Daħla solenni ta' l-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof N. Cauchi fil-Katidral fejn jiġi milqugħ mir-Rev.mu Kapitlu. Translazzjoni u Għasar Pontifikali, kant tal-Kumpieta u tal-Litanija tal-Madonna u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.

Fis-7.30 p.m. quddiesa propja tal-vġili li tkun tgħodd għall-preċett tal-festa.

L-Erbgħa, 15 ta' Awissu:

Jum il-festa, fis-6.15 a.m. konċelebrazzjoni mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral.

Fit-8.15 a.m. kant ta' Terza u Quddiesa Solenni Pontifikali mill-imsemmi Isqof li fiha jinseġ l-omelija ta' l-okkażjoni. Wara l-Pontifikal, Mons. Isqof jagħti l-Barka Papali bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja.

Fil-5.00 p.m. quddiesa letta u wara Għasar solenni bil-mużika, kumpieta, antifona tal-Madonna u funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali. Wara tibda hierġa l-purċissjoni bl-istatwa ta' l-Assunta u li tkun immexxija mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi.

N.B. (1) Matul il-kwindiċina jsir quddies fid-dija tal-morda tal-Parroċċa.

(2) Il-kant kollu bil-Malti ta' matul il-festa jsir mill-korijiet "Pueri Canores" u "Marija Assunta" taħt id-direzzjoni tas-Sinjorina Marija Zammit L.R.S.M.

(3) Il-mużika ta' matul il-festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast tal-Kappella, Mons. Ġużeppi Debrincat.

(4) Il-ħinijiet tal-quddies nhar il-festa jkun hekk: 4.15 a.m.; 5.00; 5.30; 6.15; 7.00; 8.00; 8.30 (kantata); 10.30 a.m.; 12.30 p.m.; 1.00; u 5.00 p.m.

(5) Fil-festi ta' barra sa jieħdu sehem dawn il-baned: "Leone", "La Valette", "Victory", "St. Joseph", "Prekursur", u "Mnarja".

D O N A Z Z J O N I J I E T

Imsielet — 2 pari; lubar — 1; crieket — 7, wieħed minnhom tad-djamanti.

G Ħ O T J I E T

Tony Zammit offra d-drapp u l-gallun għal sitt pjaneti gotiċi.

Familja Debrincat u Toni Zammit ta' New York offrew Pjaneta Gotika lill-Mons. Isqof N. Cauchi.

Offerti għall-pissidi tal-fidda £M194.00,0.

FLUS LI DAHLU U HARGU

Ġabra għall-Missjoni £M127.30,0

Ġabra għall-erwieħ £M68.49,7

Ġabra għall-karità £M37.05,5

Ġabra għar-rifuġjati Asjatiċi £M50.00,0

Ġabra għas-Seminarju £M68.00,0

Għall-borża ta' studju għal seminarista £M40.00,0

www.gozocathedral.org.mt

IL-PARROCCA TAL-KATIDRAL-CENTRU

L-EWWEL

MAGHMUDIJA

BIR-RIT IL-ĠDID

L-ewwel Maghmudija bir-rit l-ġdid f'Ghawdex saret fil-parroċċa tal-Katidral nhar is-7 ta' Mejju 1970. Dan ir-rit sar b'quddiesa kantata bil-Malti fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Ewkaristika Liturġika. Ir-ritratt juri xena waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' din il-Maghmudija.

Fl-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija naqraw li "Jinħtieġ li kulħadd jagħti l-akbar importanza lill-ħajja liturġika madwar l-Isqof l-aktar fil-knisja Katidrali". Preċiżament dan li qed isehh fil-Knisja Katidrali t'Ghawdex li qeda tabilħaqq tagħti mportanza l-aktar kbira lill-liturġija l-għaliex din il-Liturġija hija mimlija simboliżmu li fuqu jrid jinbena l-progress tal-ħajja pastorali fil-parroċċa. Fil-fatt nistgħu nsejħu l-parroċċa tal-Katidral ĊENTRU TA' ĦAJJA LITURĠIKA U PASTORALI kif jixhdu r-ritratti ta' dawn il-paġni.

(ara wkoll pp. 8-9)

L-EWWEL KOR PARROKKJALI

Il-parroċċa tal-Katidral waqqfet l-ewwel kor post-konċiljari; kor kif jitlob il-Konċilju biex jgħin fir-riforma tal-kant liturġiku. Fil-fatt bis-saħħa ta' dan il-kor tkantaw għall-ewwel darba fid-Djoċesi t'Ghawdex:

- Ghasar bil-Malti bis-sehem tal-poplu;
- Quddiesa Kantata kollha kemm hi bil-Malti;
- Ghasar ntegrat mal-quddiesa skond l-Istruzjoni "Il-Liturġija Tas-Sigħat"
- Lawdi ntegrat mal-quddiesa skond l-istess Istruzjoni;
- Matutin sħiħ bil-kant vernakulari ta' nhar il-Milied;
- Il-funzjonijiet kollha bil-kant bil-Malti ta' matul il-Ġimgħa Mqaddsa;
- Ghanijet tal-Milied qabel il-funzjoni ta' lejliet il-Milied;
- L-invokazjonijiet kantati tat-Talba tal-fidili.

Nieħdu pjaċir ninnutaw li dan il-kor sewa ta' inċentiv biex fi kważi l-parroċċi kollha t'Ghawdex nsibu mqawwaf kor parrokjali li qed ikun ta' għajnuna kbira għar-riforma meħtieġa fil-kant.

L-EWWEL RUŻARJU HAJ

Illum qiegħdin ngħixu f'dinja ta' kompetizzjoni l-aktar kbira. U l-Knisja biex tkompli tappella għall-poplu, jeħtieġ li twarrab fil-ġenb il-mezzi li kienet tuża fl-imgħoddi biex twassal il-messaġġ tagħha u tagħmel użu minn metodi moderni biex twassal it-tagħlim ta' Ġesu'. Kien għalhekk tassew ħsieb għaqli li fil-Katidral inżamm għall-ewwel darba ir-Rużarju ħaj b'xeni drammatizzati fuq il-presbiterju.

Ir-ritratt ta' hawn fuq juri xena ta' dan ir-Rużarju ħaj.

L-EWWEL KOR FORMALI TAT-TFAL

Il-parroċċa tal-Katidral waqqfet ukoll l-ewwel kor parrokjali formali tat-tfal bl-istatuti u bl-uniformi. Dawn ilPueri Cantores qegħdin jagħtu servizz l-aktar kbir lill-parroċċa tal-Katidral biex twettaq ir-riforma fil-kant liturġiku kif titlob il-Kostituzjoni tal-Konċilju Vatikan II dwar il-Liturġija. Dawn iż-żewġ korijiet tal-Katidral huma lkoll frott tal-ħidma voluntarja u bla ħlas tas-Sinjorina Maria Zammit L.R.S.M. Għalhekk minn dawn il-kolonni nixtiequ nroddu ħajr lilha u lill-membri kollha taż-żewġ korijiet.

L-EWWEL KALENDARJU PARROKKJALI

Kienet il-parroċċa tal-Katidral l-ewwel Knisja parrokkjali f'Ghawdex li ħarġet l-ewwel Kalendarju Parrokjali. Il-kalendarju jkun fih kopertina bil-kulur kif ukoll siltiet minn kitbiet magħrufin li jgħallmu, programm ta' dak li jkun se jsir fil-parroċċa matul kull xahar tas-sena u tagħrif ieħor fuq il-ħajja tal-parroċċa. Il-'Leħen is-Sewwa' kienet kitbet hekk dwaru: "Dan il-kalendarju ċertament iservi ta' ħolqa bejn il-mexxejja u n-nies tal-parroċċa ta' Santa Marija tar-Rabat Ghawdex."

L-EWWEL PAGEANT BIBLIKU

Fis-7 ta' Marzu 1970 nżamm fuq il-Prsbiterju tal-Katidral, pageant Bibliku li kien mibni fuq tliet episodju mill-Passjoni ta' Kristu: a) Kristu fil-Ġnien taż-Żebbuġ; (b) Kristu quddiem Pilatu (c) u Kristu fi triqtu lejn il-Kalvarju. Okkażjoni ta' din ix-xorta kienet ħaġa għal kollox ġdida għal Ghewdex l-għaliex fl-ebda knisja parrokjali t'Ghawdex ma kien għadu nżamm pageant ta' din ix-xorta. Illum x'uħud mill-parroċċi t'Ghawdex qegħdin itellgħu fil-knejjes parrokjali tagħhom pageants bibliċi, b'mod speċjali fi żmien il-Milied u r-Randan.

Ir-ritratt ta' hawn fuq juri xena ta'dan il-pageant.

www.gozocathedral.org.mt

TA' HAJJA LITURGIKA U PASTORALI

L-EWWEL QUIZ BIBLIKU

Fil-parroċċa tal-Katidral ukoll inżamm għall-ewwel darba Quiz Bibliku maħdum fuq linji moderni. Qatt qabel ma nżamm quiz ta' din ix-xorta f'xi parroċċa t'Għawdex. Dawn il-quizzes kif qegħdin jiġu organizzati qegħdin iħallu ħafna tagħlim l-għaliex fl-aħħar mill-aħħar, Ġesu' Kristu ma ordnalniex liema huma s-sistemi li għandna nqegħdu fil-prattika biex inxandru t-tagħlim tiegħu. U dan ma għamlux, għax Kristu bħala Alla, kien jaf li l-Knisja tiegħu jkollha dejjem bżonn sakemm hu possibbli, timxi mal-iżvilupp tad-dinja. Fil-Katidral ukoll inżammu kemm il-darba quizzes liturġiċi.

Ir-ritratt ta' hawn fuq juri xena waqt quiz Bibliku.

NEHHEW IT-TRON U GHAMLU S-SEDJA

Fil-Katidral t'Għawdex tneħħa t-tron ta' l-Isqof u floku saret is-Sedja Veskovili skond kif jitlob il-Motu Proprju "Pontificalia Insigna" tal-21 ta' Ġunju 1968. L-Iskop ta' dan il-Motu Proprju kien li jissimplifika l-privileġġi ta' l-isqfijiet u jagħtihom tifsira pastorali. U tabilħaqq din is-Sedja Veskovili fil-Katidral t'Għawdex laħqet dan l-iskop l-għaliex tqegħdet b'mod li l-Isqof iħares lejn l-assemblea liturġika biex xħin ikun fuqha juri li huwa l-president tal-ġemgħa liturġika u mexxej tat-talb.

L-EWWEL PURĊISSJONI TAL-PASSJONI LI HARĠET F'HADD TAR-RANDAN

Kienet il-Parroċċa tal-Katidral l-ewwel parroċċa f'Għawdex li ħarġet il-purċissjoni tal-Passjoni f'wieħed mill-Ħdud tar-Randan fl-1968. Il-parroċċa tal-Katidral qegħda turi tabilħaqq maturita' Liturġika l-għaliex qegħda żżomm il-purċissjoni tal-Passjoni f'wieħed mill-Ħdud tar-Randan flok fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira. Għaliex qed isir dan fid-Djoċesi t'Għawdex? Ir-raġuni jtihielna l-istess Isqof Cauchi fiċ-ċirkolari tiegħu 14-68 fejn qal hekk: "Sabiex l-attenzjoni tal-fidili tkun ikkonċentrata fuq il-funzjonijiet liturġiċi hekk solenni li jsiru f'dawk il-granet (tal-Ġimgħa l-Kbira) u biex b'hekk ikollhom il-kumdita' kollha li jersqu għas-sagramenti u jħejju ruħhom għall-festa ewlenija ta' l-Għid il-Kbir."

Ir-ritratt juri l-istatwa tar-Redentur f'din il-Purċissjoni.

L-EWWEL ĠIMGHA EWKARISTIKO-LITURĠIKA

Fil-Katidral ukoll ġiet organizzata l-ewwel Ġimgħa Ewkaristiko Liturġika fid-djoċesi Għawdxija. Bħalma jgħidilna t-tagħlim konċiljari, il-Bibbja u l-Liturġija għandhom ikunu żewġ kolonni li fuqhom tinbena l-ħajja pastorali ta' parroċċa. Għalhekk fil-Katidral t'Għawdex qeda tiġi mogħtija din l-importanza kollha lill-Bibbja u lil Liturġija ta' kull sena. Ir-ritratt ta' hawn fuq juri bosta żgħażagħ qegħdin iwasslu l-offerti tagħhom f'idejn iċ-ċelebrant waqt quddiesa folk li saret is-sena fil-Ġimgħa Liturġika.

L-EWWEL ĠIMGHA BIBLIKA

Kienet il-parroċċa tal-Katidral li fid-djoċesi t'Għawdex organizzat l-ewwel Ġimgħa Biblika fuq linji tabilħaqq moderni. Dawn il-ġimgħat bibliċi fil-Katidral t'Għawdex qegħdin jiġu organizzati biex il-poplu aktar jifhem il-ħtieġa tal-qari tal-Bibbja għall-qdusija ta' ruħu bħalma jinsisti t-tagħlim konċiljari fil-Kostituzzjoni dommatika 'Dei Verbum'. Ir-ritratt ta' hawn fuq juri lill-E.ċċ.za tiegħu n-Nunzju Apostoliku qed jirċievi l-offerti fil-ftuħ tan-Novena Biblika ta' din is-sena.

TOBACCONIST
J.C. MEJLACK ZAMMIT
Wines & Spirits Merchant
14, St. George's Square, Victoria. Tel. 76531

www.gozocathedral.org.mt

Lejn Dawl Storiku Fl-Imgho

F'GIEH IL-VERITA' TA' L-ISTORJA

Ġrajjiet il-Knisja u dawk tal-Gżejjer tagħna saru l-ikbar tqanqil ta' ħajti. Fihom infittex li ngħarbel is-sewwa, u nħift li ma noqgħodx fuq dak li nisma' qabel ma ngħarblu u niżnu. Nistqarr li hu għall-ewwel darba li sejjer immiss problema partikulari ta' l-istorja t'Għawdex. Madankollu, 'l Għawdex dejjem ħabbejtu daqs Malta; ġrajjietu nqishom ġrajjiet Malta, u kemm-il darba daħħalthom fil-kitbiet storiċi tiegħi.

Jiena fittixt xi kitbiet li kellhom l-għan li jfasslu l-istorja tar-Rabat t'Għawdex li hi minsuġa bla waqfien b'ħafna ward u xewk ta' ġrajjiet il-parroċċi tiegħu. Imma, f'din il-Gżira msejkna, il-fanatiżmu dallam wisq l-imħuħ saħansitra ta' l-aħjar fost uliedha. U dan ma hux xiħaġa ta' żmenna biss. L-għorrief, xejn inqas minn dawk ta' bla skola, qabel ma kitbu jew tkellmu, kellhom kważi dejjem idea fissa f'moħħhom, u 'l din riedu jsawrulha l-provi ta' l-istorja. Għalhekk, jekk xi dokumenti tkellmu tajjeb fuq dak li huma ma xtaquhx, bosta kittieba għawdxin għażlu li jwarrbuhom għal kollox.

Nixtieq inkun iżjed meqjus fi kliemi. Għalhekk, aħfruli jekk għadni ma rajtx dak kollu li nkiteb; u għadni wisq fil-bogħod biex inkun flejt bir-reqqa tal-kritika d-dokumenti kollha ta' l-istorja li ma għebux matul it-tgerbib qerriedi tas-snin. Ma' dokumenti ltqajt, u dawn ħallewni b'nifsi maqtugħ għax huma bla għadd, u għalhekk, ma ħallewlix iż-żmien li niflihom bir-reqqa. Tkun għama min-naħa tiegħi li nemmen f'xi ġrajja sempliċement għaliex jiena nsibha f'dokument, anki jekk dan ikun qadim u tassew ġenwin.

Rajt għadd ta' kitbiet f'gurnali jew fuljetti, u għal dak li qalu bosta minnhom jiena bqajt b'wiċċi mqarras. Kemm ta' naħa kif ukoll ta' oħra ħaduha bla ħniena ma' xulxin. Bosta argumenti nbnew biss fuq leġġendi, li jiena wkoll b'qawwa kbira nitfa' fil-ġenb. Imma, min xela 'l ħaddieħor b'leġġendi ġie li waqqa' l-ġebla fuq saqajh meta qal li dokumenti m'huma qatt se jinstabu. Bosta mill-argumenti li nġiebu malajr jiġġarrfu għaliex ma jżommux fuq riġlejhom. Xi drabi, ġie li waslu saħansitra għal xi dikjarazzjoni mill-iżjed solenni, meta ħabbru li għandhom f'idejhom dokumenti **"ta' valur kbir"**; imma baqgħu ma kixfuhomlniex u, għalkemm għaddew is-snin, ħallewna fid-dlam.

Jiena ġejt mġarrab biex ma naqrax la l-kitbiet ta' naħa u lanqas ta' oħra; imma, kif kien xieraq, 'il dan it-tiġrib irbaħtu, u mill-kitbiet li s'issa ġew f'idejja ħadt it-tajjeb li fihom.

F'dawn il-kelmtejn m'inhix infantas f'moħħi li nikteb xi storja fl-irqaqat tagħha. Din inħalluha għall-ġejjieni li nittamah imdawwal bi studju ta' għadd ta' dokumenti, li 'l bosta minnhom ħriġthom mit-trab ta' l-Arkivji u ntbaħt li sejjer insib tħabbat ma' wiċċi l-problema tal-qari tagħhom, għalkemm, illum, f'dan ix-xogħol jien imħarreġ sewwa.

Rajt li l-kittieba għafsu wisq fuq ir-Relazzjoni tal-Viżta ta' Dusina. It-titlu tagħha hu dan li ġej: **"Visitatio Apostolica D. Petri Duzzinae de anno 1575"**. Hi l-Manuskritt 643 tal-volumi mediti fis-sezzjoni **"Library"** tal-Bibljoteka Rjali ta' Malta. Dawk li ddefendew il-parroċċa ta' San Ġorġ bnew ħafna argumenti tagħhom fuq il-kelmiet ta' din il-Viżta. Jiena nixtieq neżaminahom mill-ġdid, u nara x'jidhirli li jfissru tassew il-kelmiet tal-Viżta. Hu minnu li hawnhekk jiena sejjer nitkellem fuq il-Knisja ta' l-Assunta tal-Kastell t'Għawdex. Imma lanqas ma nixtieq ngħid li sejjer niddefendiha kontra l-akkużi ta' oħrajn. Jiena nixtieq ngħid biss il-verità kif qiegħed naraha jiena mingħajr ebda preġudizzju la lejn naħa u lanqas lejn oħra.

IL-LEGGENDI TAL-KITTIEBA TA' L-IMGHODDI

X'ma ntqalx f'dan l-aħħar żmien tal-fawra tal-polemika kontra l-istoriku għawdxi **Ġann Piet Agius De Soldanis**? Jiena qbadt f'idejja il-kitba oriġinali tiegħu, skond kif tidher fil-manuskritt, li llum qiegħed fil-Bibljoteka Rjali ta' Malta (R.M.L., **Libr.**, 145, 243f.) L-istorja ta' Malta u Għawdex għadni ma nafhiex biżżejjed, imma intbaħt li dan il-Kittieb għandu għadd ta' żbalji. Madankollu, nibża' li niżbalja jekk ngħid li hu ried iqarraq. Jiena nemmen li hu għamel ħiltu biex jiġbor il-materjal meħtieġ għall-bini ta' ġrajjiet il-gżira li kien iħobb, imma mhux b'dik ir-reqqa li tant tħabbat il-moħħ tagħna l-istoriċi. Fl-istess ħin, bir-raġun, hu kellu mħabba partikulari lejn il-Knisja ta' l-Assunta li tagħha kien Kanonku. Imma Agius De Soldanis, minbarra li ma hux eżatt, hu ma kienx mogħni lanqas bl-ispirtu kritiku. Hu ġabar kemm sata', u ma rrifiettiex biżżejjed li xi konklużjonijiet tiegħu ma kellhomx argumenti biżżejjed biex ma jiġġarrfux. Dan l-istoriku m'għarafx li anki l-istess dokumenti jistgħu jkunu żbaljati.

Dwar il-Parroċċa ta' l-Assunta, De Soldanis igħid li l-bidu tagħha kien taż-żmien ta' San Pawl. Imma hu nnifsu kien jaf tajjeb li ma kellux f'idejh dokumenti biex jipprova dan. Għalhekk, mingħajr ma jdaħħal dubju fuq il-fatt, l-Awtur għażel li ma jiwwalx fuqu. (**Il Gozo Antico-Moderno, e Sacro-Profano:** R.M.L., **Libr.**, 145, f.122r).

Fl-istess ilma ta' De Soldanis jiena npoġġi 'l **P. Pelagio Mifsud Piscopo.** Dan il-kittieb ftit hu magħruf għaliex dak li kiteb fuq il-Matriċi t'Għawdex għadu qalb id-dokumenti ta' l-Arkivju tal-Katidral ta' Malta. Waqt li De Soldanis beża' jitkellem fit-tul fuq fatt li hu ma kellux biex jippruvah, Patri Pelaġju, li kien Kappuċċin minn Ħaż-Żebbuġ ta' Malta, xejn ma tmeżmeż biex jitkellem fit-tul fuq it-twelid tar-Reliġjon Nisranija fil-gżira għawdxija. It-tagħrif tiegħu kien ikun ta' valur imprezzabbli kieku aħna stajna noqogħdu fuqu. Hu nnifsu jistqarr li dokumenti ta' tant qedem ma jistgħux ikunu f'idejna (AC.M., **Not. Misc.**, 55.f.8r), Madankollu, mingħajr dokumenti f'idejh, hu, mhux biss emmen fil-leġġendi kollha li kienu fuq fomm il-poplu, imma ried ukoll iżid oħrajn magħhom.

Bħal De Soldanis, P. Pelaġju wkoll jemmen li l-Knisja Matriċi t'Għawdex twaqqfet minn San Pawl. Barra min dan, dan il-Kappuċċin jipprova jipperswadina li San Luqa ħalla anki f'Għawdex xbiha tal-Madonna (**ib.**, ff. 8r-11r). Imma, illum, nafu sewwa li San Luqa ma pinġa l-ebda Madonna: la f'Malta u lanqas imkien ieħor fid-dinja (Alex. Bonnici, **Il-Knisja ta' żmien l-Appostli**, 1969, pp.80-81). Għalhekk, wisq anqas pinġiha f'Għawdex fejn lanqas biss din it-tradizzjoni ma għandhom!

L-istess P. Pelaġju jissopponi kemm kien kbir iż-żelu ta' San Publju, l-ewwel Isqof tagħna, fil-viżti pastorali tiegħu, f'dik l-ewwel knisja ta' Għawdex! Mur għidlu li lanqas biss ma għandna dokumenti f'idejna biex nippruvaw li Publju, Gvernatur ta' Malta, sar tassew Isqof ta' dawn il-gżejjer! Il-provi, imbagħad, jintilfu fid-dlam ta' l-impossibbli jekk infittxu li nippruvaw li Publju tagħna hu dak Publju li miet martri f'Ateni! (Alex. Bonnici, **Il-Knisja tal-Martri**, 1969, pp. 87-88).

L-EWWEL KNISJA?

Niġu, issa, għal żmenijiet li matulhom nistgħu tassew insibu xi dawl għall-istorja. Bħal

ma kitbu fil-bidu ta' dan l-istudju, għalissa, il-bażi tagħna sejra tkun il-Viżta Pastorali ta' Dusina, fis-sena 1575. Ir-relazzjoni tal-Viżta tgħid li l-Viżitatur **"żar Knisja oħra ċkejkna 'l ġewwa mill-ħitan tal-Kastell t'Għawdex, u din kienet imsemmija għal San Lawrenz. . . . Jingħad li kienet l-ewwel knisja ta' dak il-Kastell"** (R.M.L., **Libr.**, 643, f.230).

Il-kittieb tar-relazzjoni ma jridx jagħti xi qawwa partikulari lil dan l-argument tiegħu. Hu ma kienx qiegħed jagħti xi argumenti ta' storja; ried biss iwassal dak li kienu qed igħidulu. Il-mod kif tniżżel fir-Relazzjoni tal-Viżta juri li hu ried joqgħod biss **"għal dak li jingħad"**.

M'għandniex f'moħħna li nargumentaw fuq dan. Imma s'issa għadna ma ltqajna ma' l-ebda dokument ieħor li jsaħħaħ dawn il-kelmiet. Jista' jkun, wara kollox, li San Lawrenz kienet l-iktar knisja qadima tal-Kastell. Imma, billi qatt ma kienet importanti, u qatt ma kellha xi ħidma pastorali li biha ssemmiet, baqgħet bla ma qatt ma ssemmiet f'dokumenti oħrajn.

KNISJA PRINCIPALI TAL-KASTELL JEW T'GHAWDEX?

Fit taż-żmien ilu, Kittieb Għawdxi, li kliemu hu xhieda tal-parzjalità tiegħu, ikkummenta fuq dak li Mons. Dusina għamel fil-Katidral t'Għawdex. Hu ried jagħmel xi osservazzjonijiet dwar il-kelmiet li ntużaw mill-kittieb tar-relazzjoni tal-Viżta, u lilu dawn il-kitbiet jidhrulu eżatti ħafna. Il-kittieb qal li Dusina kien eżatt "għaliex, mhux talli lill-Parroċċa ta' Santa Marija ta' ġewwa l-Kastell ma jsejjħilha mkien 'Matriċi t'Għawdex' imma meta niżżilha bħala l-prinċipali lanqas iddokumenta li hi l-prinċipali t'Għawdex, imma biss il-prinċipali ta' l-imsemmi kastell" (Gaulos Oppidum, **Il-Knisja Proto-Parrokkjali ta' S. Ġorġ M. fis-XVI-il seklu**: Fuljett **"San Ġorġ"**, Nov. 1972, p. 2).

Gaulos Oppidum qaleb tajjeb il-kelmiet latini **"Ad principalem Ecclesiam Castri"** (R.M.L., **Libr.**, 643, f.224). Huma tassew ifissru "il-Knisja Prinċipali tal-Kastell." Aħna nfaħħruh ukoll talli ma kitibx il-kunjom tal-Viżitatur kif qiegħed fil-viżta. Hu għamel tajjeb meta l-kelma **Duzzina** bidilha f'**Dusina**, għaliex dan ta' l-aħħar kien il-veru kunjom tiegħu.

Bit-traduzzjoni tajba tiegħu, hu ried jagħtina x'nifhmu li l-Knisja ewlenija tal-Kastell ma kenitx l-aqwa waħda ta' Għawdex kollu. Madankollu, l-imsemmi kittieb ma osservax li Mons. Dusina ta importanza wisq iżjed kbira lill-parroċċa ta' l-Assunta, milli ried jagħti lill-oħrajn **kollha** li kien hemm fir-Rabat t'Għawdex.

Il-Viżitatur beda l-viżta fil-Knisja li sej-

ħilha "maior"
Knisja l-Kbira
hi kienet l-ikbar
ment sakern
ma għandu
kbira tfissir
za, jew għat-
żidu.

Aħna nafu li
sina ma nkitb
minn ħaddieħor
marġinali biex
Meta nkiteb
tal-Kastell, mi
il-Kappillan
roco del Gozo'
Oppidum 'il
Imma lanqas
lur iktar mill-
huma jfissru
fuq "il-Kappil
b'xi mod Għaw
Huma kelmiet
duħa kif inħi,
innifsu għaliex
Matriċi tal-Kastell
ġenb għandha
Hi ħarġet mill-
relazzjoni. Għal
ħafna lanqas fuq
min ġabar din
dak il-Kappillan
tell kellu xi dinja
wel post fil-gżira
ktieb din ir-relazz
għu fuq dan il-fatt
poġġa fil-ġenb
hemm ukoll, ir-
fuq id-dħul ta'

Il-Viżta ta' Du
għaliha anki f'do
rijiet partikulari
blema mudlama
kbira ta' materja
dral ta' Malta.

Il-Viżitatur għa
kif kellu jitqassam
tal-Matriċi. Firs
jibdew dawn id-
l-kelmiet: "Per
Not.Misc. 55, f.
il-kelmiet, li jidhru
Għawdex, mhux
xi ħaġa mitluba
Id-dokument jan
biss irid isejjaħ
liex lill-oħrajn
l-isem tal-Knisja

WAHDA BISS IL-

Biex forsi nifhmu

www.gozocathedral.org.mt

...di tal-Katidral ta' Għawdex

...wkoll li t-tifsir "il-
..." jfisser sempliċement li
... Għalhekk, l-argu-
... b'oħrajn għad
... jfisser jekk il-kelma
... għall-importan-
... Imma fadal x'in-

... tal-Viżta ta' Du-
... nnifsu. Hi nkitbet
... jiedu xi kelmiet
... dak li fiha.
... Dusina fil-Matriċi
... ġie ttrattat fuq
... mniżżel "Par-
... t'Għawdex. Gaulos
... ma jsemmihomx.
... nagħtuhom va-
... infushom,
... fil-viżta jittratta
... Għawdex", bħallikieku.
... jiddependi minnu.
... Imma, ngħi-
... dan id-dokument fih
... titkellimx ħlief fuq il-
..., il-ġabra tal-
... storiku tagħha.
... li kiteb din ir-
... ma nagħfsu
... argument, ngħidu li
... kella f'moħħu li
... il-Matriċi tal-Kas-
... poġġieh fl-ew-
... Dak li ġabar fi
... konvinzjoni tie-
... oħrajn. Hu
... del Gozo"; imma
... titkellimx ħlief
... tal-Kastell.
... riferimenti
... oħrajn, u f'xi affa-
... jiċċaraw xi pro-
... Minjiera
... l-Arkivju tal-Kati-

... ordnijiet dwar
...
... qabel ma
... nsibu
... Gozo" (A.C.M.,
... id-darba, dawn
... għall-ewlenija ta'
... fil-ġenb bħala
... mit-test innifsu.
... tal-Kastell
... t'Għawdex" għa-
... marbutin ma'

...

... ieħor ta' dawl

fuq l-importanza li d-dokumenti tas-seklu XVI riedu jagħtu lill-kelma "Matriċi", applikata għall-Knisja ta' l-Assunta, inżidu dan li ġej. L-Arkivju tal-Katidral ta' Malta fih għadd kbir ta' dokumenti fuq il-parroċċi l-qodma tagħna. Lill-Knisja Katidrali ta' Malta jingħatalha l-ogħla ġieh, u tidher sewwa fuq kull Knisja oħra. Imma, sakemm nistgħu ngħidu mill-għadd ta' dokumenti li waqgħu taħt għajnejna, il-parroċċi ta' Malta u Għawdex ma jingħataw l-ebda titlu speċjali, u ma jissejħux ħlief sempliċement "Parroċċa". Din ta' l-Assunta biss tissejjaħ bit-titlu ta' Matriċi (Bħala eżempju, ara C.E.M., Mdina, **Reg. Act. Orig.**, 1564-1566, passim).

IL-PARROĊĊA TA' GĦAWDEX

Fl-Arkivju tal-Katidral ta' Malta jinstab dokument importanti ħafna, u qadim sewwa. Dan hu tas-sena, 1511, u jitkellem fuq il-parroċċa ta' San Ġorġ. Gaulos Oppidum (fil-fuljett San Ġorġ, vol. II, Nov. 1972, p. 4) għamel użu tajjeb minnu. Aħna, bħala storiċi, nidd-ubitaw minn kollox qabel ma naraw b'għajnejna u jkollna provi. Għalhekk fittixna dan id-dokument u sibnieh tassew. 'Il dawk li jixtiequ jsibuh malajr u jiċċitawh tajjeb, ngħidulhom li ċ-ċitazzjoni tiegħu għandha tkun din: C.E.M., Mdina, **Reg. Act. Orig.**, 1, an. 1511, f.15r-v. Kif osserva l-kittieb imsemmi, dan id-dokument hu ta' importanza kbira għaliex juri tajjeb li San Ġorġ, fis-sena 1511, kienet parroċċa. Hi kellha wkoll knejjes li kienu jagħmlu minnha. Sostanzjalment, naqblu li d-dokument jinqara kif ġie traskritt f'dak il-fuljett. Xi kelmiet, bla dubju ta' xejn, ma jinqrawx hekk; imma dawn ma jbiddlu xejn fis-sustanza.

Madankollu, inħossuna ċerti li t-tifsira tal-kelmiet **"terre et insule"** ma hix dik li ngħatat fil-fuljett. Gaulos Oppidum igħid li l-kelma "terra" tfisser għal kastell għaliex hekk sab imniżżel f'dizzjunarju. Imma dan hu tiġbid ta' l-argumenti biex jingħatalhom, mhux dik it-tifsira li fihom minnhom infushom, imma dik li qiegħda fil-moħħ tal-qarrej, li b'xi mod jew ieħor irid jasal għaliha. Hu ried igħid li **"Parrochie terre et insule Gaudisii"**, li f'dan il-każ intqalu għal San Ġorġ, ifissru li San Ġorġ kien parroċċa tal-Kastell u ta' Għawdex kollu.

Nagħtu t-tifsira tagħna għal dan id-dokument, u ma rridux ingebbdu bl-argumenti tagħna. Qabel xejn, il-kelma **"terra"**, anki jekk nammettu li f'dan il-każ, tfisser għall-kastell, kienet tintuża wkoll għall-pajjiżi ta' Malta. Milli jidher lilna, fix-xebħ li għamilna ma' dokumenti oħrajn, il-kelma "terra" ma tfissirx ħlief "pajjiż": biex dan jingħażel minn belt. Jidher li "terra" tinqaleb bit-taljan bil-kelma "casale". Hekk, fost l-oħrajn, Birkirkara tissejjaħ kemm "terra" kif ukoll "casale".

Imma, għal waqt wieħed biss, ħalli nżommu wkoll li dik il-kelma "terra" tfisser għall-kastell. Madankollu, irridu naraw x'valur jista' jkollha dik it-tifsira.

Fis-sena, 1569, meta skond il-kittieb tal-folijetti, l-Assunta ma kenitx Matriċi ħlief tal-knejjes tal-Kastell, Dun Leonard De Caci jissejjaħ **"Cappellanus Cappellae sive Parrochiae dicte Insule Gaudisii"** (C.E.M., Mdina, **Acta Orig.**, 1569, proc. n. 73, f. 1). Ma tissemmiex b'isimha l-parroċċa ta' l-Assunta f'dan id-dokument, imma r-riferiment hu għaliha mingħajr ebda dubju. Fl-istess Arkivju tal-Katidral ta' Malta nsibu lista inkompleta ħafna tal-Kappillani ta' l-Assunta, b'tagħrif storiku fuqhom. Din il-lista ġġib l-isem: **"Serie Cronologica dei Reverendi Parochi della Chiesa Matrice del Gozo"** (A.C.M., **Not. Misc.**, 55, ff. 53-55). Fiha nsibu eżattament fuq l-imsemmi **Dun Leonard De Caci.** Fost l-oħrajn naqraw kif, fl-istess sena 1569, hu ħalla din it-tmexxija tal-Knisja t'Għawdex biex sar Arċipriet tal-Katidral ta' Malta. Ma nafux b'liema setgħa hu ma ħalliex li jsir is-suċċessur tiegħu f'Għawdex. Hu rrinunzja għall-Matriċi t'Għawdex billi ċeda postu lil Dun Anton Attard, neputi tiegħu, li f'dak iż-żmien, kien għadu biss bl-ordnijiet minuri, u dik il-Parroċċa t'Għawdex imexxiet minn Viċijiet sakemm l-ieħor kiber u sar saċerdot (**Ib.**, ff. 54v-55r).

Meta lill-Kappillan Dun Anton Attard saru lu xi mistoqsijiet mill-Viżitatur Dusina, l-istess dokument igħid li hu kien **"Parroco della Parrochiale del Castello, che è la Matrice di tutta l'isola"** (A.C.M. **Not. Misc.**, 55, f. 60v).

Dan u dokumenti oħrajn li nistgħu nżidu, meta 'l quddiem niktbu iżjed fit-tul, juru li l-qawwa wahdanija ta' dak id-dokument imsemmi fil-fuljett "San Ġorġ" qiegħda fil-fatt li San Ġorġ kien diġa parroċċa fi ftuħ is-seklu XVI.

IL-KJERĊI LI JSERVU FIL-MATRIĊI T'GĦAWDEX

Ġużeppi Gauci Apap, f'ittra tat-8 t'Ottubru

ALEXANDER BONNIĊI
O.F.M. Conv., H.E.D., S.Th.L., Ph.B.

1767, miktuba lill-imsemmi P. Pelaġju, tkellem fuq il-Matriċi t'Għawdex. Hu wera li f'dak iż-żmien kien hemm it-twemmin li kien San Pawl innifsu li waqqaf il-Knisja ta' l-Assunta. Ikompli jgħid li l-importanza storika tagħha tidher ukoll mill-fatt li hi l-Kap tas-seba' parroċċi mifruxin mal-gżira. Jgħid ukoll li kliemu hu mibni fuq il-karti li kellu f'idejh (A.C.M., **Not. Misc.** 55, ff. 29r).

Ma nafux x'importanza dokumentarja kellhom dawk il-karti. Imma, bla ma nemmnu f'dak li qrajna, nuru li, għallinqas, fit-twemmin tal-Għawdxin hemm xi ħjiel li dik ta' l-Assunta kienet il-parroċċa prinċipali tal-Gżira kollha, u mhux tal-kastell biss. Ma nafux jekk qatt sejrin insibu dokumenti qodma biżżejjed biex naslu għaż-żmien ta' l-ewwel bini ta' dawk il-parroċċi bikrin ta' Għawdex. Xi dokumenti, li minn fuqhom bdew għaddejjin il-mijiet ta' snin, igħidu bla tlaqliq li l-Assunta hi l-ewwel parroċċa t'Għawdex; warajha saru dawk ta' San Ġakbu u ta' Savina; skond dawn, San Ġorġ jiġi fir-raba' post. Imma aħna 'l dawn ma nemmuhomx għaliex il-provi li ġabulna ħallewna fejn konna; l-argumenti tagħhom huma zopop għal kollox.

Imma dan l-argument li hawn sejrin inġibu juri li, għallinqas fil-moħħ ta' l-Isqof tad-Djoċesi, f'Għawdex l-**aqwa Knisja kienet il-Matriċi ta' l-Assunta.**

Għal żmien twil, f'Malta kien hawn id-drawwa li l-kjerċi kollha jservu għal xi granet matul is-sena fil-Knisja Katidrali. Xi kjerċi kienu jsibuha wisq diffiċli biex jaqdu dan id-dmir tagħhom għaliex ma kienx hawn mezzi ta' trasport. Għalhekk, huma ġie li ħallsu 'l xi ħadd ieħor biex jagħmel dak is-servizz minflokhom.

Milli jidher, il-kjerċi ta' Għawdex ma kenux obbligati jservu fil-Katidral ta' Malta. Huma kienu jservu f'Għawdex stess. F'Għaw-

(jissokta f'paġna 8)



MIN HU L-AWTUR

ALEXANDER BONNICI, imwieled il-Furjana fit-28 ta' Jannar 1936, hu saċerdot Franġiskan Konventwali. Hu kiseb gradi universitarji fil-Filosofija u t-Teoloġija, u DOTTORAT FL-ISTORJA TAL-KNISJA. Hu kien Professur ta' l-Istorja u l-Patroloġija fil-Fakoltà Teoloġika S. Bonaventura ta' Ruma. Illum hu Lettur-Professur fl-Inserm u Editur tal-pamphlets illum magħrufa u mfaħħra minn kulħadd "Reliġjon u Ħajja". Ħafna huma l-kitbiet tiegħu f'bosta rivisti xjentifiċi u kulturali internazzjonali u lokali. Dawn li ġejjin mhumiex ħlief x'uħud mill-kotba u l-pubblikazzjonijiet tiegħu:

* **Il-Knisja ta' Żmien l-Apostli**, 1969, pp. 88.
* **Il-Knisja tal-Martri**, 1969, pp. 124.
* **Il-Knisja ta' Ġnus l-Imperu Ruman**, 1970, pp. 120.
* **Twemmin Nisrani u Ereżiji fl-Ewwel Żmenijiet**, 1971, pp. 126.
* **Dawl u Dlamijiet tal-Bidu taż-Żmien tan-Nofs**, 1971, pp. 148.
* **Żmien ta' Nuqqas ta' Ftehim bejn Knisja u Stat**, 1972, pp. 162.
* **Ġieħ il-Knisja fil-Papat u fl-Ordnijiet Mendikanti**, 1973, pp. 183.
* **Superstitions in Malta towards the Middle of the XVIIth Century in the light of the Inquisition Trials**, 1966, pp. 40.
* **Due Secoli di Storia politico-religiosa di Malta nel Fondo Barberini-Latino della Biblioteca Vaticana**, 1967, pp. 38.
* **L'Inquisizione di Malta (1561-1798) Riflessioni critiche circa il materiale edito e inedito**, 1968, pp. 32.
* **I Vescovi di Malta Baldassarre Cagliares e Michele Balaguer**, 1969, pp. 48.
* **Evoluzione storico-giuridica dei poteri dell'Inquisitore nei processi in materia di Fede contro i Cavalieri del Sovrano Ordne di Malta**, 1970, pp. 52.
* **Giulio Degli Oddi contro Martino de Redin (1655-1658). Contrasti tra un Delegato Apostolico e un Candidato alla dignita di Gran Maestro dell'Ordine di Malta**, 1973, pp. 68.
* **A bad reputition for the Maltese Inquisition under Mgr. J.B. Gori Pannellini (1639-1646)**, 1973, pp. 12.
* **Sant' Antnin ta' Padova**, Ħajjiet 1, pp. 36.
* **Dawl għall-Ħajja minn Ġrajjiet il-Bniedem**, Storja 5, pp. 92.
* **Problemi ta' Twemmin fi Kristu u Marija**, Fidi 7, pp. 116.

www.gozocathedral.org.mt

IL-PARROCCA TAL-KATIDRAL-CENTRU

L-EWWEL TQARBINA TAT-TFAL

L-Ewwel Tqarbina fil-Katidral t'Għawdex ġiet riformata mill-qiegħ biex kemm it-tfal u kemm il-membri kollha tal-Kommunita' parrokjali jifhmu li din hi festa tal-parroċċa kollha għax permezz ta' l-Ewwel Tqarbina kibret il-kommunita litrugika li l-Kap tagħha huwa l-kappillan. Din il-funzjoni bdiet issir filgħaxija f'ħin li n-nies ikunu jistgħu jattendu numerużi għal din il-festa. Il-parroċċa tal-Katidral kienet l-ewwel li daħlet l-użanza li t-tfal ta' l-ewwel tqarbina jirċievu lil Ġesù Ostja f'nofs il-ġenituri tagħhom bħalma juri r-ritratt ta' hawn fuq.

L-EWWEL PARROĊĊA LI DAĦĦLET L-ELEMENT KULTURALI FIL-FESTA

Il-parroċċa tal-Katidral kienet l-ewwel parroċċa li daħħlet l-element kulturali fil-jiem tal-festa titulari. U dan għamlitu biii organizzat is-sena l-oħra ballata Marjana fuq skala l-aktar grandjuża. Din il-ballata, xogħol tas-Sur Anton Farrugia, ġibdet folol kbar ta' nies minn kull rokna tal-gżira Għawdxija. Ir-ritratt ta' hawn fuq juri xena mill-isbaħ ta' din il-ballata.

L-EWWEL QUDDIESA FOLK

L-ewwel parroċċa t'Għawdex li organizzat quddiesa 'folk' f'Għawdex kienet il-parroċċa tal-Katidral u dan għamlitu fil-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika tas-sena 1968. Ir-ritratt ta' hawn fuq juri l-grupp t' kitarristi u ta' kantanti li ħadu sehem f'waħda minn dawn il-quddisiet.

(Ikompli l-artiklu ta' A. BONNICI minn p. 7)

dex kienu jservu fil-Knisja ewlenija tal-Gżira, safejn lilna rriżultalna mid-dokumenti awtentiċi u oriġinali li ġew f'idejna. Mill-Viżti Pastorali li qallibna, fl-Arkivju tas-Segreterija tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, s'issa għadna ma sibniex lanqas eċċezzjoni waħda. Kull kjerku li għamel dikjarazzjoni wera li r-rabta tiegħu kienet dejjem mal-Matriċi. Il-kjerċi li qegħdin nitkellmu fuqhom hawn ma kenux saċerdoti. Inġibu biss żewġ każi.

"Fit-22 ta' Novembru 1617, deher Nardu Casha, li joqgħod fil-Gżira t'Għawdex, u wera l-privileġġ ta' l-ewwel tonsura . . . . Hu wieġeb li kien iservi fil-Knisja Matriċi t'Għawdex f'jiem ta' festa jew ta' solennita" (A.A.M., **Secretaria,** Visit. Past., 10, f. 133r).

"Fl-istess jum, deher Bartilmew Medina, kjerku għawdxi . . . . Hu wieġeb li kien iservi fil-Knisja Matriċi fil-jiem ta' festa jew ta' solennita, u kien ukoll sagristan ta' l-istess Matriċi" (**Ib.,** f. 133v). L-istess volum ta' manuskritti jitratta fuq għadd ieħor ta' kjerċi għawdxin (**Ib.,** ff. 132r-139r).

GĦAWDEX KWAŻI KOLLU TAĦT IL-MATRIĊI

L-għadd kbir ta' dokumenti li ġew f'idejna ma jippermettix li aħna nittrattaw fit-tul dawn id-diskussjonijiet storiċi. Imma nixtiequ nagħmlu osservazzjoni oħra biex nuru kemm il-Matriċi ta' l-Assunta, fiż-żmien ta' Dusina (1575), kienet tassew importanti. Hi kienet **fuq kull parroċċa f'Għawdex** f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma pastorali. Bl-argumenti li ġibna s'issa, aħna tajna xi ħjiel dwar it-titlu ta' ġieh u dwar l-importanza ta' din il-Knisja. Imma aħna bqajna dejjem pass lura, u qatt ma ridna nuru bħala ċert dak li hu biss probabbli.

F'dan li sejrin inġibu issa, aħna ma għandna l-ebda dubju. Inħossuna mistrieħa fuq il-qawwa ta' l-argumenti. Il-kittieb **Gaulos Oppidum** kellu kull ċans jara dawn id-dokumenti; imma ħaseb li jkun aħjar li ma jsemmihomx. Hu, fl-istess Viżta ta' Dusina, ra tajjeb b'għajnejh dak li aħna fuqu sejrin nibnu.

Meta Dusina żar il-gżejjer tagħna, aħna konna għadna [illegible] sewwa minn dak li kien ġara fit-ta' snin qabel. Il-kiefer assedju ta' l-1565, għalkemm ġieb konna ħriġna rebbieħa, ġieb miegħu tant ħerba u qerda. Għawdex kien fi stat agħar minn Malta. Din il-gżira kienet għaddiet ukoll minn Assedju qabel ieħor fis-sena 1551. Kif jidher tajjeb mid-dokumenti li ġejjin, il-knejjes kienu mwaqqgħin, il-parroċċi bla kleru u bla fidili, u l-gżira mħarbta.

Fit-12 t'Ottubru 1559, jiġifieri qabel l-istess Assedju ta' Malta, kif ingabar mill-Atti tal-Kurja Veskovili, l-Isqof Cubelles lil dawk li kellhom il-beni tal-Matriċi ddispensahom milli jħallsu ċ-ċens minħabba t-tħarbit li kellhom fl-artijiet fdati f'idejhom. (A.C.M., **Not. Misc.,** 55, f. 41r).

Imma, hawn nerġgħu lura għall-kelmiet tal-viżta ta' Dusina. Ma hix ħaġa ġdida jekk ngħidu li f'dak iż-żmien ir-Rabat t'Għawdex kien fih erba' parroċċi. Minbarra l-Matriċi u San Ġorġ, anki l-Knisja magħrufa bħala S. Marija ta' Savina u l-oħra ta' San Ġakbu kienu parroċċi. Nafu li dik ta' **Savina,** wara l-invażjoni tat-torok, ma baqgħetx tamministra iżjed is-sagramenti (**Ib.,** f. 13). Dusina, meta żarha fis-sena 1575, sabha mfarrka u bla fidili. Il-Kappillan tagħha kien ilu nieqes erbgħa-u-għoxrin sena, u kien mar lejn Sqallija (R.M.L., **Libr.,** 643, f. 235). F'dak l-istat li waqgħet fih, il-Knisja kellha tiġi pprofanata (**Ib.,** ff. 235-236).

Il-Parroċċa ta' **San Ġakbu** wkoll kienet tfarrket mit-Torok; lanqas lilha ma kien fadlilha saċerdoti jew fidili. Għalhekk anki din kellha tiġi pprofanata minn Dusina (**Ib.,** f. 236).

Kif kien xieraq, wara l-Knisja Matriċi, il-Viżitatur żar il-**Parroċċa ta' San Ġorġ.** Imma, f'dawk iż-żmenijiet, meta kulħadd kien għadu mbeżża' minn xi nvażjoni oħra tat-Torok, lanqas ir-Rabat ma kien fi stat tajjeb. Il-parroċċa ta' San Ġorġ ma kenitx fiż-żgur biżżejjed. fis-sena 1575, biex wieħed iżomm fiha s-sagramenti. Għalhekk, fiha la kien jinżamm is-sagrament u lanqas iż-żjut imqaddsa tal-Griżma tal-Morda. Il-problema ma nħassitx ħafna għaliex, kif tgħid il-viżta, il-fidili kienu ftit, u l-parroċċa tal-Kastell kienet fil-qrib għal kull ma sata' jinqala' (**Ib.,** ff. 232-233).

Nikkonfermaw dan li għedna dwar il-fidili taż-żewġ parroċċi, billi nġibu f'liema sitwazzjoni kienu jinstabu wara li spiċċaw Savina u San Ġakbu. Għalhekk, nibqgħu marbutin mas-sena 1575.

Meta lill-Kappillan ta' San Ġorġ staqsewh kemm kienu l-fidili tiegħu, hu wieġeb: "Ma naħsibx li għandi iktar minn mitt ruħ fil-parroċċa tiegħi. M'għandix iktar minn erbgħin jew ħamsin dar" (A.C.M., **Not. Misc.,** 55, f. 60v).

L-istess mistoqsija saret lil Dun Anton Attard. Hu wieġeb: "Jiena għandi il-parroċċa ta' din il-gżira t'Għawdex bit-titlu ta' Santa Marija ta' l-Assunta . . . u għandi jiddependu minni madwar 800 ruħ, li jitqarbnu fil-parroċċa tiegħi" (**Ib.**).

GĦAD JONQOS ĦAFNA X'JINKITEB

Ma' dan li għedna nistgħu nżidu bosta ħwejjeġ oħra. Nistgħu nitkellmu iżjed fit-tul fuq dan iż-żmien, u fuq żmenijiet oħrajn. Il-qarrej m'għandux jippretendi li kull dokument ikun biżżejjed biex jipprova x'kienet għal Għawdex il-Parroċċa ta' l-Assunta. Imma l-kotra ta' dokumenti magħqudin flimkien jakkwistaw qawwa kbira. Aħna għad inbiddlu x'uħud minn dawn l-ideat tagħna meta provi iżjed ċari jġegħluna naħsbuha mod ieħor.

Ħaġa waħda ma titbiddilx ġewwa fina. Aħna, bħala storiċi, nibqgħu dejjem ħerqana li nfittxu l-verita, u qatt ma nfittxu li nġebbdu l-argumenti la lejn naħa u lanqas lejn oħra. Id-dokumenti huma bosta, u aħna għad fadlilna ħafna x'naraw. Dak li s'issa hu mċajpar għandu mnejn biż-żmien jiddawwal.

Ma nafux safejn għad naslu bil-konklużjonijiet tagħna. Imma, milli jidher, iktar ma jinstabu dokumenti, iktar jinkixef li l-Parroċċa ta' l-Assunta, li llum hi l-Katidral t'Għawdex, kienet tassew l-ewlenija tal-Gżira għawdxija.

———— () ————

www.gozocathedral.org.mt

TA' HAJJA LITURGIKA U PASTORALI

L-EWWEL ŻWIEĠ BIR-RIT IL-ĠDID

L-ewwel żwieġ bir-rit il-ġdid f'Għawdex sar fil-Katidral nhar id-9 ta' Mejju 1970 fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Ewkaristika-Liturġika. Minn dak innhar 'l hawn fil-Knisja Katidrali dejjem inżamm dan ir-rit il-ġdid tas - Sagrament taż-żwieġ. Ir-ritratt ta' hawn fuq juri xena ta' dan ir-rit il-ġdid taż-żwieġ.

L-EWWEL FORUM

L-ewwel parroċċa li żammet l-ewwel forum fil-Knisja matul l-eżerċizzi tar-Randan, kienet il-parroċċa tal-Katidral. Dan sar din is-sena u kien immexxi minn Patri Profs. Donat Spiteri Kapuċċin. Is-suġġett ta' dan il-forum kien "Id-direttivi tal-Konferenza Episkopali Maltija dwar il-ħajja tal-miżżewġin". Ħadu sehem fih it-tabib Eddie Rapa, l-ispiżjar Joe Bondi', is-Sur Anton Farrugia u s-Sinjura Maria Cassar. Saru wkoll mistoqsijiet minn bosta koppji li kienu preżenti għal dan il-forum. Ġew iċċarati bosta idejat żbaljati dwar l-ippjanar tal-familja. Kienet ukoll il-parroċċa tal-Katidral li daħħlet stil ġdid fl-eżerċizzi tar-Randan, l-għaliex għal kull suġġett minn sentejn 'l hawn ġie mistieden kelliemi kompetenti fil-materja.

L-EWWEL KOMMUNITA PARROKKJALI LI HADET SEHEM FL-UFFIĊĊJU TAL-QARI . . . .

Bis-saħħa ta' l-Istruzzjoni "il-Liturġika tas-Sigħat" il-Kommunita' parrokkjali tal-Katidral kienet l-ewwel kommunita parrokkjali li f'Għawdex ħadet sehem fl-Uffiċċju tal-Qari, fit-talba ta' Sbieħ il-Jum u ta' nofs il-jum li ġew reċitati bil-Malti quddiem is-Sepulkru flimkien mal-Monsinjuri u l-Kappillani tal-Kor tal-Katidral nhar il-Ġimgħa l-Kbira u nhar Sibt il-Għid filgħodu tas-sena 1972. U kienu sekulari stess li qraw xi lezzjonijiet ta' l-Uffiċċju tal-Qari. Din is-sena bosta kienu dawk il-parroċċi li mxew fuq l-eżempju tal-Katidral.

L-EWWEL PARROĊĊA LI OFFRIET IL-HAMPERS

Il-parroċċa tal-Katidral kienet l-ewwel parroċċa li ħadet ħsieb li fil-jiem tal-festa tferraħ il-familji numerużi u foqra tagħha billi lejliet Santa Marija filgħodu wara ċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa minn Mons. Isqof, dan l-istess Isqof qassam 'hampers' ta' l-ikel lill-familji msemmija. Fir-ritratt Mons. Isqof Cauchi jidher joffri 'hamper' lill-membru ta' familja numeruża tal-parroċċa tal-Katidral.

Drink Farsons!
Cisk Lager
or Hop Leaf

Farsons beers go with every situation, in all seasons. Some prefer Cisk, others insist on Hop Leaf. These are just two of the great Farsons brews Farsons have 6 different brews for the discerning beer drinkers to choose from.

drink a drink from Farsons

DORIS
JEWELLERY

1, ST. ANDREW STR.,
AND
78, VAJRINGA STR.,
VICTORIA

All kinds of fancy Jewellery in Silver, Silverware, Gold and Diamond, Watches, Chalices and other articles for Religious Service.

www.gozocathedral.org.mt

Il-Kwadru ta' San Filippu

L-ewwel kappella fuq in-naħa tax-xellug ta' kif tidħol fil-knisja Katidrali, hija mwaqqfa f'ġieħ it-Twelid ta' Sidna Ġesu Kristu. Fil-fatt f'nofs il-panew ta' l-artal jinsab bassorilijev ta' l-irħam li jirrappreżenta t-Twelid ta' Sidna Ġesu Kristu. Mela l-għaliex dan l-artal jissejjaħ ta' San Filippu u fil-kwadru huwa aktar prominenti dan il-qaddis mill-Misteru tat-Twelid ta' S Ġesu Kristu? Għal din il-mistoqsija jweġibna l-Kanonku Agius De Soldanis li jgħidilna: "Il-ħames kappella (meta tibda mill-kappella tas-Sagrament din tiġi l-ħames waħda) hi miqjuma lit-Twelid tal-Bambin, kwadru ġdid. Din il-kappella ġiet mogħtija mill-Arċipriet tal-lum Formosa lill-Kongregazzjoni ta' San Filippu, jew tal-qassisin fit-8 ta' Jannar 1730. Din il-Kongregazzjoni l-ewwel darba kienet ġiet maħsuba mill-Arċipriet Duttur Dun Karlu Magri, qassis magħruf għat-tieba tiegħu u għall-kotba li kiteb, li qal biha lill-kanonċi u lill-qassisin tiegħu bħala ħaġa ta' ġid biex wieħed jagħmel mewta tajba. Ġiet imħaddna minn xi qassisin, xi kanonċi u minn xi kjeriċi u minnhom imwaqqfa fit-23 ta' Frar u msaħħa mill-Vigarju Ġenerali Dun Anton Manso fl-1 ta' Lulju 1689. Mela r-raġuni hija ċara l-għaliex f'dan il-kwadru x-xbieha ta' San Filippu kisbet din il-prominenza kollha. Iżda min kien il-pittur li pinġa dan il-kwadru?

IL-PITTUR TA' DAN IL-KWADRU

Dan il-kwadru ġie mpinġi minn Tommasu Madiona 'l-1852 bħalma jgħidilna Achille Ferris: "Il quadro di San Filippo Neri fu eseguito dal Madiona nel 1852." (2) U min kien Tommaso Madiona jgħidilna Robert Mifsud Bonniċi: "Madiona Tommaso: (1803-1864) bin Anġlu u Maddalena mwielda Filiberti, twieled l-Isla, pittur, inċiżur u mużiċist rebbieħ ta' medalja tad-deheb mill-Università' ta' Malta għal xogħlijiet ta' disinji bil-pinna u kien wasal biex jintbagħat Ruma ħalli jżid jitħarreġ fl-arti iżda sfratta kollox inħabba l-mewt għal għarrieda tal-Gvernatur Sir Tomas Maitland fis-17 ta' Jannar, 1824.

Madiona mħeġġeġ għall-arti benjamina tiegħu għeleb kull xkiel u f'dik l-istess sena kien jinsab Ruma taħt Minardi u Overbeck. Ħadem inċiżjonijiet ma jintgħarfux mill-oriġinali u kopji tiegħu ta' pittur ta' Raffaello għaġġbu lis-surmastrijiet tiegħu. Kopja ta' "La Deposizione" kapulavur ta' Raffaello dedikata "all' Illustrissimo e Reverendissimo Signore il Signor Saverio Canonico Caruana Vicario Capitolare di Malta", tinsab fil-Mużew Nazzjonali ta' Malta. Opra oħra tiegħu hija l-Madonna tal-Karmnu dedikata "a Sua Eccellenza la Signora Donna Vittoria Barberini Principessa di Palestrina".

Madiona kien Letterat u mill-pinzell kien jagħraf iħoss il-ħsus tal-psikoloġija, fiżjoloġija, anatomija, mitoloġija u storja. Madiona kien ukoll kitarrista, konċertista u kompożitur, inventur ta' kitarra bil-pedali li biha jdoqq mużika għall-pjanuforti. Dan l-istrument oriġinali ntilef.

Madiona ta' sittin sena tilef id-dawl u miet għażeb fis-6 ta' April 1864. Midfun fil-Parroċċa tal-Isla. Fl-1934-5 il-Gvern xtara ritratt ta' Madiona maħdum mill-alljev tiegħu A. Zammit." (3)

IL-PARTI TA' FUQ TAL-KWADRU

Dan il-kwadru fih żewġ taqsimiet: il-parti ta' fuq u l-parti ta' isfel. Il-parti ta' fuq tippreżentalna t-twelid ta' Sidna Ġesu Kristu li hija mpinġija bl-ilwien mitfija. Dan jurina biċ-ċar li l-pittur kellu ordni biex f'dan il-kwadru tispikka l-persuna ta' San Filippu u għalhekk huwa bir-raġun għamel użu minn kuluri li fiji u xejn jolqtu lill-għajn. Madankollu l-Madonna xorta waħda kien kapaċi joħloq b'dawn il-kuluri l-ħjewwa u s-sbuħija li huma karatteristiċi tal-misteru tat-Twelid ta' Sidna Ġesu Kristu. Il-personaġġi tal-Verġni Marija u San Ġużepp qegħdin jaduraw herqanin lit-tarbija divina li għada kemm twieldet fil-maxtura. Fil-kwadru kien ma' xi anġli mixħutin 'l hawn u 'l hemm f'tarf il-kwadru lkoll ifakkruk fil-mirakli li ġara f'Betlem 1973 sena ilu. Ilkoll huma xhieda li t-twelid ta' Kristu ma kienx biss waqt storiku 'l baqa' msammar għal dejjem mal-medda ta' l-imgħoddi, imma ġrajja taż-żmenijiet kollha għax Kristu huwa l-fus li fuqu u madwaru jduru '-ġrajjiet kollha tad-dinja għax tassew bih, fih u miegħu jitħarrku l-bnedmin kollha tad-dinja. U fuq kollox l-element ta' l-anġli ma hux nieqes fit-tpinġija tal-misteru tat-Twelid ta' Kristu l-għaliex kif jgħidilna l-Vanġelu dak in-nhar ta' din il-ġrajja kbira l-anġli nstemgħu ferħanin jgħannu: "Glorja 'l Alla fl-ogħli tas-Smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba."

L-uċuħ devoti tal-Madonna u ta' San Ġużepp jixhdu li dawn huma tabilħaqq personaġġi tas-sema. Il-ħlewwa ta' wiċċhom kif ukoll il-pożizzjoni u l-qagħda tagħhom huma ukoll indikazzjonijiet ċari li l-Verġni Marija u l-għarus tagħha San Ġużepp huma żewġ bnedmin mimlijin bl-Ispirtu t'Alla u mhux bl-ispirtu tad-dinja. Il-pittur Madiona għaraf bil-pinzell tiegħu joħloq fuq it-tila xena tabilħaqq tas-sema. Tassew li l-ilwien f'idejn il-pittur huma għodda meravilljuża li biha l-bniedem għandu s-setgħa joħloq għeġubijiet kbar ta' ġmiel u sbuħija li hekk kif l-ilwien tal-fjuri ġewwa l-ġonna jitħallu u jagħmlu dehra li ssaħħar l-għajnejn, hekk ukoll l-ilwien imżewqa ta' din il-parti ta' fuq ta' dan il-kwadru joffru lil kull min jarahom xena li ssaħħrek bi ġmielha u bi sbuħitha.

IL-PARTI T'ISFEL TAL-KWADRU

Il-parti t'isfel tal-kwadru fiha lil San Filippu Neri u lill-Anġlu t'Alla qed iżommu u jħarsu; San Filippu huwa liebes is-suttana sewda. Bir-raġun il-pittur is-suttana li dan il-qassis, l-għaliex dan il-bniedem t'Alla, għalkemm wiret ġid kbir tal-ġenbu

(jissokta p. 11)

HEMPEL'S

PAINTS

ARE

BEST

HEMPALIN

(ENAMEL U UNDERCOATING)

HEMPALTONE

(ZEBGHA TAL-PLASTIC)

www.gozocathedral.org.mt

(ikompli minn p. 10)

tiegħu, huwa ma rabatx qalbu miegħu, imma ħaddan il-ħajja lebsa tas-saċerdozju. Barra minn hekk San Filippu waqqaf ukoll kongregazzjoni hekk imsejħa ta' l-oratorjan. Il-pożizzjoni ta' San Filippu f'dan il-kwadru miet f'daqqa għalkemm fil-lezzjonijiet tat-tieni notturn li kien jingħad fil-festa tiegħu tas-26 ta' Mejju qabel ir-riforma fil-Brevjar ma nsibu xejn dwar dan il-fatt. Imma anki l-ktieb tat-talb mixħut fl-art juri biċ-ċar li San Filippu waqa f'koma li ħalliet u bla ħajja. Il-wiċċ tiegħu, b'għajnejh mikxufin u magħluqin tisthajjel qed itenni f'qalbu l-kelmiet li ċarba ħareġ minn fomm l-ewwel Martri tal-Knisja San Stiefnu, "qed nara s-smewwiet miftuħa u lil Ġesù". Il-pittur għaraf juri fuq il-tila li San Filippu kien jgħix fid-dinja, imma mhux għad-dinja, kien bniedem b'riġlejh fuq l-art, imma bi ħsibijietu msammrin fis-sema, kien bniedem li jipprattika mhux biss il-kristjaneżmu vertikali permezz tat-talb, imma ukoll il-Kristjaneżmu orizzontali, jew dak li f'terminu filosofiku jissejjaħ ummaniżmu nisrani l-għaliex San Filippu dejjem fettex li jagħmel karità mal-proxxmu tiegħu.

U fil-fatt l-Anġlu li bi tbissima smewwija qed iwieżen l' dan San Filippu jagħtina prova ċara li huwa kien bniedem magħqud m'Alla minn din id-dinja li sata' jtenni ma' San Pawl "mhux jien li qed ngħix, imma Kristu li qed jgħix fija". Ir-rifsa ta' riġel l-anġlu fuq is-suttana ta' San Filippu u idu x-xellugija fuq l-ispalla ta' S. Filippu għandhom tabilħaqq tifsira qawwija li kellu dan il-qaddis mis-sema. L-inklinazzjoni ta' l-Anġlu fuq San Filippu u sebgħu ta' idu l-leminija jimmira s-sema juruna wkoll li San Filippu kien bniedem mkennen u mħares mill-qawwiet tas-sema. L-anġlu b'dawk ħwejġu bojod immewġin u t-tbissima ħelwa ta' fuq xuftejh flimkien mal-ġwinaħ miftuħin jgħallmuna li huwa ġie mibgħut mis-sema biex jieqaf ma' San Filippu fl-aħħar waqtiet ta' ħajtu.

Dettalj ieħor ta' dan il-kwadru mhux ta' min iħallih barra huwa l-ħaxix ħadrani li huwa tant naturali fil-lewn u fid-daqs li donnu trabba f'tarf il-kwadru. Dan id-dettal, għalkemm ċkejken, ikompli jgħin mhux ftit biex dan il-kwadru joffri deħra mill-isbaħ lil kull min iħares lejh.

Tumas Madiona b'dan il-kwadru ta' San Filippu kabbar mhux ftit il-wirt artistiku ta' pajjiżu, wirt ta' min jgħożżu u jħarsu bir-reqqa kollha.

SPRITEX

L-AĦJAR
INSECT-KILLER
U JAGĦMEL
ID-DAR TFUĦ

GĦADHOM KEMM WASLU KMAMAR TAL-BANJU KONTINENTALI F.P.E.A. B'KULURI U STIL EĊĊEZZJONALI BI PREZZIJIET TASSEW MODERATI.

Irrikorru għand:

A. F. ELLIS

TRIQ GĦAJN QATET, RABAT-GĦAWDEX

Telephone: 76021

L-ARKIVJU TAL-KATIDRAL

(ikompli minn p. 1)

oħra', għax nifhem li dawn huma ħafna) mhux biex hekk jagħraf is-sewwa tal-kwistjonijiet (għax dawk huma tant imħabbla u fuq tant affarijiet żgħar li ma naħsibx ebda storiku se joqgħod jinħela fuqhom biex isib min kellu jew ma kellux raġun), imma biex iżjed jagħraf u jifhem l-ambjent li fihom qamu dawn il-kwistjonijiet.

U għal min ma jogħġbuhx dawn l-affarijiet għandu hawn biż-żejjed biex jixxala xorta waħda. Hekk jista' jsib id-data eżatta u l-funeral ta' tnejn min-nies maqtula waqt il-ġlied mal-Franċiżi, bl-isem tagħhom, kunjomhom u dettalji oħra. Issib reġistri li għandhom x'jaqsmu mal-magħruf Għawdxi Dun Franġisk Agius de Soldanis li ma ssibhomx band'oħra. U fl-aħħar niġu għal dettalji fuq karità', ħlas ta' ċnus, ismijiet ta' għelieqi, laqmijiet ta' nies ta' mijiet ta' snin ilu (kemm kienu jintirtu dawn il-laqmijiet hija kwistjoni interessanti), parentela tan-nies, safar, nies li ġew joqogħdu Għawdex minn Malta jew x'imkien ieħor. U mbagħad dak li dwarhom ir-reġistri bil-fors għandhom l-iżjed: il-kleru tal-Matriċi u ta' Għawdex kollu, is-servizzi tal-knisja u tal-filjali tagħha, bini u tiswija tal-bini tal-knisja, u elf ħaġa oħra.

S'issa, l-istorja t'Għawdex tista' tgħid dejjem imxiet fuq il-passi ta' kittieba tas-seklu tmintax bħal Agius de Soldanis, kittieba li kitbu sewwa imma skond il-kriterji xjentifiċi ta' żmienhom. Bil-ftuħ tal-Arkivju tal-Kattidral ta' Malta u issa bl-irranġar u, nisperaw 'l quddiem, bil-ftuħ tal-Arkivju tal-Kattidral t'Għawdex wieħed issa jista' jagħmel passejn 'il quddiem. Dak ta' Malta fih materjal kbir li għandu x'jaqsam mal-ħajja f'Għawdex mill-1449 'il quddiem. Dak t'Għawdex jagħtina tagħrif l-iktar fuq 1623-1940. Nisperaw li bil-ftuħ ta' aktar arkivji fiż-żewġ gżejjer l-istorja tat-tnejn tkompli tissaħħaħ u tikber.

Noti ta' l-artiklu ta' J. Bezzina (p. 12)

1 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 66.
2 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 75 n. 74.
3 Ferris A. "Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo" p. 604.
4 Farrugia G. ut supra p. 71, n. 44.
5 Vella Andrea, Iż-Żebbuġ p. 7.
6 Farrugia G. ut supra p. 71 n. 43.
7 Vella Giov. Andrea, Iż-Żebbuġ p.
8 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 24.
9 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 26 n. 16.
10 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 73 n. 60.
11 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 71 n. 42.
12 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 75 n. 76.
13 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 27 n. 24.
14 Ms. Lib. 643 fol.
15 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 72 n. 51.
16 Ms. Lib. 643 fol. 336; Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 71 n. 38.
17 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 71 n. 39; Vella, Iż-Żebbuġ p. 6.
18 Farrugia G. Mons. "Għawdex" II p. 27 n. 20; Mons. A. Vella p. 7; Ms. Lib. 643 fol. 337.
19 Vella A. Mons. "Iż-Żebbuġ" p. 26.
20 Ferris A. "Descrizione delle chiese di Malta e Gozo" p. 606.

ZURU L-KNISJA KATIDRALI F'JUM IL-FESTA

MAY'S
THE LADIES' SHOP
FOR FASHION AND ELEGANCE
54, RACECOURSE STREET, VICTORIA

DAPTA 12
GĦAT-TFAL U TRABI
QTAR TAL-VITAMINI
• •
TAJJEB ANKI FIS-SAJF
• •
MINN GĦAND KULL SPIŻJAR

X'INHU L-AUROFAC?

L-Aurofac huma mediċina, jew aħjar sustanza, jiġi miżjud u mħallat ma' l-għalf ta' l-annimali.

X'EFFETT GĦANDU L-AUROFAC?

L-Aurofac għandu fih il-mediċina "Aureomycin" f'għamla ta' trab fin ħafna kannella ċar li għandha s-saħħa trażżan kull xorta ta' mikrobi li jattakkaw l-annimali u għaldaqstant l-Aurofac jgħin b'mod tal-għaġeb biex inaqqas il-mard mill-annimali. Barra minn hekk l-Aurofac għandu Vitamin B 12 li tagħti s-saħħa u li ttejjeb il-produzzjoni ta' l-annimali, sew jekk dawn ikunu tjur tal-bajd jew għal-laħam, majjali, jew baqar tal-ħalib.

Aġent waħdieni:

V. J. SALOMONE
10, SOUTH STREET, VALLETTA

FOR WORLDWIDE TRAVEL
APPLY:—

JOHN PORTELLI ENTERPRISES
I.A.T.A. AGENT

7, IT-TOKK SQUARE, VICTORIA, GOZO
Telephone: 76236

108, ST JOHN STREET, VALLETTA, MALTA
Telephone: 27016

TOUR PLANNERS

www.gozocathedral.org.mt

GHAWDEX MINN DEJJEM QIEM LIL SANTA MARIJA

C — KNEJJES TA' SANTA MARIJA FIX-XAGHRA U FL-IDWAR TAGHHA

— ġabra ta' tagħrif oriġinali minn John Bezzina —
(ikompli mill-ħarġa tas-sena l-oħra)

SANTA MARIJA TA' GHAJN XEJBA

AGIUS DE SOLDANIS ISEMMI IL-KNISJA TA' SANTA MARIJA TAL-ĠILJU TA' GHAJN KOSNA, FIL-HARA TA' GHAJN XEJBA MIBNIJA MINN FEDERICK PONTREMOLI LI HALLIELHA GHALQA BIEX F'JUM IL-FESTA JINGHATAW TMINT ITMIEM HOBŻ TAL-QAMH U BARMIL U TLIET KWARTI NBID-BHAL MAJIDHER FL-ATTI TAS-26 T'APRIL TAL-1533 U IMSEMMI FIŻ-ŻJARA PASTORALI TAL-1644 FOLJA 26. (1). FEDERIK PONTREMOLI IT-TESTATUR GHEX FIS-SEKLU XVI U GHALHEKK DIN IL-KNISJA NBNIET FIS-SEKLU XVI U MA HIEX EQDEM. L-ISTESS DE SOLDANIS ISEMMI KNISJA OHRA TA' S. MARIJA IMSEJHA TAL-ĠILJU U JŻID LI KIENET ĠIET IPPROFANATA FL-1657. DIN TA' L-AHHAR MA JSEMMIX FEJN KIENET (2) IMMA TA' MIN JEMMEN LI HI L-ISTESS WAHDA MSEMMIJA MIS-SUR ĠILIAN REFALO RAPA (3) U LI JGHID LI BIR-RENTA TAGHHA JITQASSMU TMINT ITMIEM DQIEQ U BARMIL TA' 3 KWARTI NBID, LIL DAWK LI JIEHDU SEHEM FIL-FESTA.

Din il-knisja ta' S. Marija tal-Ġilju x'aktarx wkoll li hija l-istess wahda msemmija minn Agius De Soldanis banda ohra (4) u li kienet tifforma parti mill-Ghaxar Kanonikat, il-kanonikat tal-Kampanja. Dwarha kiteb hekk:" *S. Marija ta' Ghajn Xejba, li tinsab fil-ġnien ta' Ġlormu Bigeni li hallielha tomnejn raba' biex ir-renta taghhom tiġi mqassma hobż fil-jum tal-festa. Min bniedem halla li ghandha ssir l-festa taghha kif inhu xieraq, biex jiġu mqassma tmien tomniet hobż tal-qamh lill-fqar, u biex il-qassis li jaghmel il-festa fil-15 t'Awwissu jkollu l-ikla ta' fil-ghaxija b'xejn. Ara l-Atti tan-Nutar Dumnik Conti tad-9 ta' Diċembru 1635. Dawn il-pisijiet ghaddew fuq il-knisja ta' S. Anton . . . ġiet ipprofanata fl-1657.*"

Dwar din il-knisja Dusina (5) hallielna miktub dan li ġej:" *Ecclesia sub vocabo. Stae. Mariae Hain Xeibe, caret rectore, et Nardus de Syracusa, qui tamq. dae. Ecclae. Prcr . . . unum terreni ad eamd. pertinen. possidet tenet celebrare facere missam unam in festo Assumptionis B. Mariae Virginis, ed ead. die distribuere pauperibus certam quantitatem panis, et reficere necessaria in Eccla, aret porta lignea, tecto et ornamentis . . . porta lignea intra mensem sub pena decem scutor. et obligatione satisfaciat in Eccla. Paroli.*"

SANTA MARIJA TA' GAJDORU

Din il-knisja ghalkemm ma kinitx dedikata lill-Assunta, il-festa taghha kienet issir nhar S. Marija. Hdejha kien hemm wieqaf kunvent ta' rhieb Agostinjani u li fdalijiet minnu ghadhom jindhru f'Ta' Gajdoru (6). Il-kwadru taghha kien ġie restawrat mill-pittur Gardinena bejn is-snin 1582-1595 fi żmien il-Gran Mastru Hugues Loubens de Verdala. Il-kittieb iżid li kien restawrat darba ohra qabel fis-sena 802. Jirrappreżenta lil S. Wistin liebes ta' isqof gharkubtejh u fil-gholi tidher il-Madonna bil-qeghda bil-Bambin f'hoġorha imdawwra b'7 anġli (is-Sebgha Ferhat) in-naha tal-Epistola, u Kurċifiss imdawwar b'sebgha anġli fuq in-naha tal-Evanġelju.

Il-beni ta' dan il-knisja ġew migbura ma ta' ohrajn biex ġa mghaqqad l-ghaxar kanonikat. Agius De Soldanis kiteb hekk dwarha (7):" . . *Imsejha ta' Gajdoru, kelma mhassra minn 'Gaudiorum' li tfisser ferhat.*" Il-kunvent tar-rhieb jissemma bhala ġa eżistenti fl-1453. Din it-taghrifa sabha Patri Majjistru Bonaventura Attard, it-taghrifa l-aktar qadima li nafu biha (8). Il-Patri Attard . . . jemmen li kiteb bir-reqqa . . . li din il-gżira setghet kienet wahda minn tlieta; Ghawdex, Magħisi jew l-ohra msejha tar-Rhieb (9). Agius De Soldanis jisthajjel li din il-gżira kienet Ghawdex. U din l-isthajjilha hu jsejjisha fuq dak li qallu patri Agostinjan xih u ta' min jorbot fuq li jghid, li *skond tradizzjoni qadima shih; "S. Rossinjanu bena knisja lil Sidtna Marija tal-Ferhat, sal-lum minna imsejjha "Ta' Gajdoru . . ."* Jekk dan li qal dan il-Patri Agostinjan Xih hu tassew ta' min jorbot fuqu, dan il-kunvent fil-knisja jistghu jmorru lura sas-sena 439 W.K.

Il-festa tal-Madonna Sancta Maria Gaudiorum skond Dusina kienet issir fil-15 t'Awwissu. Hekk x'kiteb dwarha dan il-Visitatur fl-1575: "*Eccla, sub vocabulo . . .S. . . .Mariae Gaudiorum sita in qta. ta' Ramla habet circum circa petium terrae circiter medium tumuli qd. relictum fuit eid, Ecclae, p. illius restauratione, et celebratione unius missae in festo "ASSUMPTIONIS B. MARIAE VIRGINIS", qd, terrenum a nemine possidet et Ecc. est penitur diruta. Dnus. mandavit dm. Eccln. servata forma Conc. Trid. prophanari illiusq. obligationem simul cum bonis et solo transferri in Eccla. Paroli ad utilitatem Retgo sripor penzione, qui tenent ad altare, ad sibi magis videbitur pingi facere imaginem picturae Stae. Mariae Gaudiorum, et in illa prestare debitum obsequtum*" (sic.) (10).

SANTA MARIJA TA' GHAJN MEDDEW

Fl-inhawi ta' Ghajn Meddew kien hemm żewġt knejjes wahda dedikata lill-Assunta u l-ohra lil-Lunzjata (11). Dik ta' l-Assunta kienet fil-hara ta' Marsalforn u ġiet ipprofanata fl-1630 (12).

S. Marija fil-Hara ta' Marsalforn (13) hi mniżżla minn De Soldanis bhala knisja ohra differenti minn din ta' Ghajn Meddew, iżda s-Sur Refalo Rapa (14) jikkonkludi li hija l-istess wahda tant li jżid: "Salvu Baglio halla fuq Mandra l-piż biex issir quddiesa fil-festa taghha u lir-raheb taghha hallielu dar żghira fejn joqghod (Visita 1615 fol. 52). Skond kif jinghad din id-dar kienet fil-passaġġ li jwassal ghall-irdum bejn id-djar 82-83 Triq Marsalforn.

IL-LUNZJATA U MHUX SANTA MARIJA

Agius De Soldanis (15) jsemmi knisja OHRA u jghid li hi f'gieh Santa Marija, imma Refalo Rapa jghid li kienet tal-Lunzjata. Din il-knisja kellha erbat itmien raba fis-sena 1615, biex bir-renta taghhom issirilha l-festa. Bas kul Mercieca b'weghda hal lielha xi raba' biex fil-festa taghha jiġifieri nhar il-25 ta' Marzu jitqassam tomnejn hobż tal-qamh, kwarta nbid u tlitt sieghan lewż mit-twil. Ġiet ipprofanata fl-1630. Iżid jghidilna Refalo Rapa li fl-1633 il-kwadru taghha ttiehed f'San Pawl ta' Marsalforn. (16)

KNEJJES OHRA F'ĠIEH IL-MADONNA

Agius De Soldanis isemmi dawn il-knejjes f'ġieh il-Madonna f'dawn l-inhawi: (i) Tal-Kunċizzjoni imsejha tal-Qasam fil-hara ta' Bottaka f'Marsalforn (17). (ii) Tal-Lunzjata ta' Ghajn Meddew (18) li hi l-istess wahda li fuq jghid li hija ta' Santa Marija.

1 Farrugia Mons. G "Ghawdex II" p. 74 n. 68.
2 Farrugia Mons. G "Ghawdex II" p. 25 n. 19.
3 The Xaghra Monumental Church — 1969 p. 7.
4 Farrugia ut supra p. 26 n. 17.
5 Ms. Lib. 643 fol. 330.
6 Refalo ibid p. 6.
7 Farrugia ibid p. 26 n. 18.
8 Monachisimo in Sicilia. Kap 25, fol. 196; Farrugia II p. 79.
9 Monachisimo in Sicilia. Kap 25, fol. 196; Farrugia II p. 79.
10 Dusina fol. 335.
11 Refalo Rapa p. 8.
12 Farrugia G. "Ghawdex" II p. 72 n. 52.
13 Farrugia G. "Ghawdex" II p. 73 n. 53.
14 Refalo Rapa p. 8.
15 Farrugia p. 73 n. 54.
16 Farrugia p. 71 n. 50.
17 Farrugia p. 73 n. 57.
18 Farrugia p. 71 n. 40.

D — FIŻ-ŻEBBUĠ U L-IDWAR TIEGHU

SANTA MARIJA FIL-HARA TAŻ-ŻEBBUĠ

F'xi żjajjar pastorali hemm li din il-knisja ma kinetx dedikata lil "Santa Marija" imma lil Madonna taht it-titlu tal-Lunzjata, filwaqt li l-istess Agius De Soldanis (1) waqt li jiddeskrivi l-parroċċa taż-Żebbuġ jghid li l-kwadru tal-ġenb tal-KUNĊIZZJONI kien tal-knisja l-qadima. Issa nafu li fl-inhawi taż-Żebbuġ ma kienx hemm knejjes b'aktar min artal wiehed; nafu wkoll li ma kienx hemm knisja f'gieh il-Kunċizzjoni, jekk ma hijiex dik imsejjha "TAL-MADONNA" imsemmija mill-istess De Soldanis (2). Ferris A. (3) iżid jghidilna li: "*La cappella della Concezione di M.V. e' la vecchia chiesa, inchiusa oggi dentro la nuova.*"

Imma billi l-festa taghha kienet issir fil-15 t'Awwissu ahna nemmnu li kienet f'gieh S. Marija. Din il-knisja ma hijiex msemmija minn Dusina ghalkemm fil-fatt kienet teżisti. Agius De Soldanis hallielna miktub hekk dwarha: "*Kienet wisq meqjuma minnies li kienu jżuruha ta' sikwit, il-qanpiena li kellha, kienet maghmula fis-sena 1515 b'dan is-sinjal . . . "Fahhruha wisq l-isqfijiet. Il-kalċi li kellha mal-qanpiena li semmejna nhbew f'bir maġenbha fis-sena 1551 minn nies ta' dawk l-inhawi biex ma jiġux misruqa mit-Torok. Imma hadd ma jaf fejn hu dan il-bir, skond kif qalli l-kappillan Vella.*" (4). Din il-knisja kienet ipprofanata fis-sena 1637, imma malajr ġiet irranġata u mżabbra, b'mod illi wiehed u hamsin sena wara jiġifieri fis-sena 1688, saret il-knisja parrokkjali (5).

SANTA MARIJA TA' ĊINI

S. Marija ta' Wied il-Ghasri msejha min-nies ta' Ċini ghax kienet tal-familja Ċini li bnietha u li hallitilha biex issir il-festa u biex jitqassmu tomnejn hobż tal-qamh, ġiet ipprofanata fl-1657 (6). Mons. A. Vella jsemmi wkoll din il-knisja (7). Dusina ma jsemmihiex.

SANTA MARIJA TA' APAP F'WIED IL-MIELAH

Fejn wied il-Mielah jaqbad ma Wied il-Ghasri kien hemm knisja f'ġieh Santa Marija li kienet ġiet ipprofanata fl-1644 u fl-1670 u l-beni taghha mghaqqad ma' ohrajn tal-kampanja (8). Kienet maghrufa bhala Santa Marija ta' Apap, ghalkemm il-festa taghha kienet issir fil-5 t'Awwissu b'amar ta' l-isqfijiet. Indri Apap li bnieha halla l-piż fuq xi biċċtejn raba biex jiġu mqassmin fil-jum tal-festa tomnejn qamh maghġunin hobż, skond kif imholli mill-istess Apap fl-atti tan-Nutar Tumas Gauci. Skond l-istess De Soldanis il-festa kienet issir fit-8 ta' Settembru (9), imma jista' jkun li hawn huwa qed ihallat il-festa ta' S. Marija ta' Apap ma dik tat-Twelid ta' Marija li kienet issir fil-knisja tal-Vitorja ta' Hġieri fil-hara tal-Ghasri wkoll (10) (fl-inhawi tal-Ġiarrisa).

S. MARIJA F'WIED SARA

Dwar din il-knisja ma nafu xejn ghajr l-eżistenza taghha kif imsemmija biss minn De Soldanis (11).

S. MARIJA FL-INHAWI TAL-MADDALENA

Din il-knisja ta' S. Marija kienet fl-inhawi tal-Maddalena. Nafu li tal-Maddalena kien fl-inhawi ta' Wied Sara (12) jew kif jghid banda ohra fl-inhawi ta' Kuljat (13). Dwar din il-knisja Mons. Dusina hallielna miktub hekk: "*Eccla. sub vocabulo Assumptionis B. Mariae Virginis sita in qta. della Maddalena . . . p. qndm. . . . ANDREOTTA THEOBALDUM, cui legavit tumulos quatuor terreni cum onere celebrare faciendi missam in die festi vitatu eiusdem et reficiendi necessaria in Eccla., caret rectore et hui oneri non satisfaciatu Joannes Theobaldus Procor. dictae ecclae, quia est penitus diruta. Dnus. mandavit dm. Eccln. iuxta forma Conc. Trid. propnanari illiusq. obligationem transferri ad Eccln. Parrochialem in qua erigat altare dicatum B. Mariae Assumptions cum imago in illa pingat et obligatio supde. ibi prestet.*" (14). Dwar din il-knisja Agius De Soldanis (15) hallielna miktub li l-imsemmi Andreotta Theobaldo fuq erbat itmiem raba' halla l-oneri li ssirilha l-festa.

KNEJJES OHRA TAL-MADONNA

Il-knejjes l-ohra f'ġieh il-Madonna f'dawn l-inhawi imma mhux dedikati lil Assunta u li ma semmejnihomx kienu: (i) *Tal-Lunzjata* li Gulielmu De Buscenis f'Wied Sara (16); (ii) *Tal-Lunzjata* taż-Żebbuġ (17); (iii) Ta' *S. Marija tal-Ġilju* mibnija minn Ċikku de Manuele fil-hara tal-Ghasri, u li kienet f'ġieh it-*Twelid* tal-Madonna (18). Din x'aktarx hija l-knisja li nbniet dik tal-Patroċinju tal-Ghasri. Dik li kien hemm qabel dik tal-lum (imma fl-istess post) kienet inbniet fis-seklu XVI, din tal-lum ġiet mibnija fuq l-istess lok, bil-flus ta' D. Tumas Saliba fis-sena 1739 (19). Ferris ibid (20) li tal-Wied ibniet ghal-BIDU tas-seklu XVI.

(Riferenzi p. 11)